**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 393/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**

**Mohammed Tajeb Adam**
**-Omissis-**

**Illum, l-15 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

"**Mohamed Tajeb Adam**, detentur tan-numru tal-Pulizija 18L-055

"**-Omissis-**

1. Nhar it-13 ta' Awissu 2020 ghall-habta ta' bejn l-00:00hrs u 01:00hrs ta' filghodu gewwa Triq Derby, Marsa ikkommettew serq ta' oggetti u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Keita Fako liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin skond l-*Artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data hin u lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil Keita Fako kontra l-volonta tieghu u dan bi hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu; *Artikolu 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

3. Nhar it-13 t'Awwissu 2020, bejn l-10:00hrs ta' filghodu gewwa triq Triq Belt il-Hazna, Marsa bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Kefali Kibreab Elias liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin skond *Artikoli 4 (1) (a), 26(a)(f) 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setghat lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm u ssekwestra lil Kefali Kibreb Elias kontra l-volonta tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu *skond l-Artikolu 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. Nhar it-13 t'Awwissu 2020, bejn l-10:00hrs u 01:00hrs ta' filghodu gewwa Triq il-Belt il-Hazna, Marsa minghajr il-hsieb

li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza fil-gisem ta' Kefali Kibreab Elias bi strument jaqta' jew iniggez liema offiza hija ta' natura gravi hekk kif certifikata minn Dr. Elaine Buttigieg detentrici tan-numru mediku 4387 *skond l-Artikoli 214, 216(b), 217, 218(1)(b) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2021[1] il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk hemmx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qorti u wara li nghata zmien xieraq biex issir

[1] A folio 269 tal-process

tali twegiba l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni u ghalhekk il-Qorti irrisolviet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza[2] fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-Akkuzi fil-Qosor**

Illi f'din il-kawza l-imputat qed jiffaccja sitt akkuzi fuq elenkati li fil-qosor huma:

1. Serq minn fuq il-persuna ta' Keita Fako ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin; u

2. Arrest, zamma, jew sekwestru minghajr awtorizzazzjoni ta' Keita Fako kontra l-volonta' tieghu bi hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra; u

3. Attentat ta' serq minn fuq il-persuna ta' Kefali Kibreab Elias kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin; u

4. Arrest, zamma, jew sekwestru minghajr awtorizzazzjoni ta' Kefali Kibreab Elias kontra l-volonta' tieghu bi hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra; u

[2] A folio 287-292 tal-proċess

5. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fil-gisem ta' Kefali Kibreab Elias bi strument jaqta jew iniggez; u

6. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Provi**

Fl-ewwel seduti fl-14 ta' Awissu 2020[3] il-Prosekuzzjoni prezentaw Dok FF1 application for extension, Dok FF2 Immigration certificate tal-imputat[4], Dok FF3 fedina penali tal-imputat[5], Dok FF4 fedina penali.

Fit-28 t'Awwissu 2021 xehed **PS 249 Michael Vella**[6] fejn spjega illi: "Bazikament nhar it-13 ta' Awissu 2020 gejna infurmati li kienu arrestaw lil zewg persuni mill-pulizija tal-Marsa ghal habta tas-siegha ta' filghodu rigward zewg serqiet separati f'liema serqiet intuzat xi arma wkoll sikkina. L-involviment tieghi l-ewwel haga kellimna lil certu Keita Fako wiehed mill-vittmi fejn spjegalna ezattament x'kien gara fl-ufficju fejn stqarr li waqt li kien mixi. Bazikament kien stqarr li waqt li kien mixi Triq Derby fil-Marsa avvicinawh zewg persuni ta' karnagon skur u li wiehed minnhom identifikah li ghandu d-dread locks li qed naghraf hawn hekk gewwa l-awla li wara gie identifikat bhala Mohammed Tajeb Adam li huwa ta' din in-naha."

3 A folio 9 tal-process
4 A folio 10 tal-process
5 A folio 11 tal-process
6 A folio 18 tal-process

F'dan l-istadju tax-xhieda tieghu, ix-xhud identifika lill-imputat Mohammed Tajeb Adam fl-awla. Xehed "li kien hu li kien hariglu sikkina u t-tnejn li huma serquh. Malli kienu qed jiehdu r-rapport ta' din il-persuna ftit tal-hin wara mar it-tieni persuna fejn hemm hekk kien deher li kellu xi injuries f'wiccu u dan ittiehed b'ambulanza. Min-naha tieghi l-involviment tieghi kien li hadna l-audio visual statement li bdejna b'ta Mahmud Isara flimkien ma' l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Stacy Attard fejn wara li tajnieh id-drittijiet tieghu dan ghazel li jikkonsulta ma' l-avukat fejn kellem lil Dr. Yanika Bugeja. Minn naha tieghu dan stqarr li minn naha tieghu ma kienx weggha lil Kefali izda kien Mohammed Tajeb Adam li kien wegga lil iehor bis-sikkina. Wara hadna l-audio visual statement ta' Mohammed Tajeb Adam fejn l-istess ghazel li jkellem lill-istess avukat u minn naha tieghu beda jwahhal fl-iehor, bdew iwahhlu f'xulxin bazikament l-involviment taghhom. Nhar il-15 ta' Awwissu irnexxilna nikkuntattjaw lil Kefali l-vittma biex naraw naqra x'gara u ma garax fejn minn naha tieghi inzilt l-ghassa l-Marsa kellimtu hemm hekk fejn minn naha tieghu kien ikkonferma li kien l-istess persuna ta' dread locks biex nifthemu li kien hariglu s-sikkina u weggghu u l-iehor assistieh billi beda jfittixlu fil-bwiet. Wara s-serqa dan ikkonferma wkoll li Mohammed Tajeb rega' prova jattakkah bis-sikkina izda rnexxielu jizgicca."

Xehed illi wiehed mill-vittmi "niftakar li insteraqlu xi cheque li kien inghatalu ghax-xoghol bhala paga, insterqu xi muniti jekk mhux sejjer zball, xi lighters, dokumenti." Spjega illi jaf li nstab xi maktur ahmar, izda bl-amment ma setax jiftakar x'instab aktar.

**In kontro-ezami** mistoqsi jekk kienx mar fuq il-post meta kien hemm il-vittma huwa wiegeb illi Le u bazikament spjega x'gara, kif dahal ir-rapport. Umbghad l-involviment tieghu kien li tkellem mal-vittmi u l-

audio visual statement taz-zewg persuni. Spjega wkoll illi huwa ma kienx involut meta gew arrestati l-imputati.

Spjega ukoll illi l-imputati gew identifikati fl-audio visual statements meta identifikaw lilhom infushom waqt l-audio visual statements. Imbaghad il-vittmi iddentifikaw min hareg is-sikkina mix-xaghar. "Ezempju kellu d-dread locks xaghru twil, b'hekk identifikajna minn xiex."

Mistoqsi jekk jafx kif gew arrestati l-imputati huwa spjega illi jaf li waqt li kienu qed jittiehdu r-rapporti tal-vittmi fuq il-post mill-pulizija tal-Marsa, iz-zewg suspettati kumbinazzjoni ghaddew minn quddiem l-ghassa tal-Marsa u l-vittmi identifikawhom.

Fit-28 t'Awwissu 2020 xehed ukoll **PC 1369 Jurgen Harrington**[7] li spjega illi fit-13 t'Awwissu 2020 ghal habta ta' xi s-siegha u kwart ta' filghodu huwa kien orderly fl-ghassa tal-Marsa u f'daqqa wahda f'dak il-kwiet tas-siegha ta' filghodu jisma' xebgha ghajjat gej mill-boghod u dejjem riesaq lejn l-ghassa. "Imbaghad jiena sintendi hrigt biex nara x'inhu jigri u ilhaqt lil Keita Fako gej mill-boghod u mort nara xi gralu. Sadanittant kien hemm ix-xufier niezel it-triq ta' l-ghassa ukoll … u PC 529 u speci ltqajna t-tlieta li ahna f'daqqa u qed ifhemna x'gara. Morna fuq il-post u qed ifhemna li serquh u ddeskrivihomlna u morna mill-ewwel fil-post u cioe' fi Triq Derby ghax hemm hekk serquh il-Marsa. Issa sa kemm ghadu qed jkellimna hu naraw lil vittma l-iehor li jismu Kefali rajnieh qed jzomm ix-xedaq u bid-demm ukoll niezel, l-iehor ma kellux demm Keita u qalilna li kien ghadu kif insteraq ukoll u ddeskrivihomlna u d-deskrizzjoni qablu jigifieri bejniethom".

[7] A folio 23 tal-process

Spjega li l-vittmi ddeskrivew l-aggressuri taghhom bhala "li huma tnejn irqaq u ghadhom zghar, ta' kulur skur u li qalu li t-tnejn li huma ghandhom sikkina pero' wiehed ma uzawx fuqu u l-iehor uzawha. Imbaghad lil Kefali cempilnielu ambulanza ghax kien imwegga', stennejnieh u lhaqt hadtlu d-dettalji u dawn l-affarijiet u giet ghalih l-ambulanza u telaq". Spjega li "mbaghad marru l-ghassa b'Keita u sakemm qed jehdulu r-rapport qabad jghajjat u jipponta l-barra ghax beda jarahom. Jiena sintendi hrigt u kien hemm ix-xufier ukoll kien ghadu barra u sakemm qeghdin mixjin hemm u qed nghajtulhom ghax dak il-hin ma konniex nafu li huma zgur". Spjega li "x'hin bdew jghidulhom biex jigu wiehed minnhom Adam Mohammed rema sikkina ma' l-art. Imbaghad dak il-hin speci indunajna li kellu ragun u arrestajniehom mal-ewwel u ghidnielhom ir-raguni ghalfejn kienu arrestati u bi drittijiet taghhom u hekk".

Spjega li ghamlulhom tfittxija u sabulhom l-affarijiet li gew esebiti fl-envelope immarkat bin-numru "30" fir-rigward tat-tfittxija li saret fuq l-imputat -omissis-. "Kellu mobile phone iswed, bicca drap hamra li beda juza bhala maskra, tal-linja card, kartiera kannella b'zewg cards u karti rrilevanti fiha, zewg cwievet, head phones ta' ditta Samsung, tliet lighters, hames muniti ta l-ghaxar centezmi, zewg muniti ta l-ghoxrin centezmu, munita ta' hamsin centezmu, munita ta' l-euro, munita ta' zewg euro, zewg karti ta' l-ghaxar euro, karta ta' l-ghoxrin euro, sitt karti tal-hames euro u konfiskajnihomlu u ghamilnihom igifieri individwalment." U hargu l-ircevuta relattiva iffirmata minnu stess, PC 1369 u minn PC 529 Eman Ellul.

Spjega illi fuq l-imputat Adam Mohammed sabu "mobile phone iehor ta' ditta cyber shot, maskra tad-drapp ukoll bajda irrigata bil-blue, pakkett ta' tabakk, kartiera kannella bhal ta' l-iehor ezatt b'xi ritratti tieghu u tliet sim cards, tal-linja card, asylum seekers document,

maktur ahdar, iswed, isfar u ahmar ghax kellu dawn il-kulur, cavetta wahda, misluta wahda, tmien minuti ta' hames centezmi, erbgha minuti ta' l-ghaxar centezmi, zewg muniti tal-ghoxrin centezmu, munita ta' euro u munita ta' zewg euro, u dan kellu sikkina li tefa' ma' l-art ghax hu tefaghha", liema oggetti gew esebiti f'envelope immarkat bin-numru "29". U inharget ukoll l-ircevuta relattiva. L-imsemmija ircevuti gew esebiti ukoll fl-istess envelopes.

Huwa identifika lill-imputati fl-awla.

Kompla jispjega li l-vittma Keita Fako "qalli li nsterqulu tlett mija u tletin euro u Nokia, imma n-Nokia ma nstabx fuqhom pero' hekk qalli li insteraqlu Nokia u dawn it-tliet mija u tletin euro. Kefali propja dak il-hin kien ikkoncernat bid-darsa u b'dak li kellu u ma riedx joqghod jghidli x'serqulu, ridna naqbad u ncempel ambulanza beda jghidli 'I don't care' fuq l-affarijiet li nsterqulu. Imbaghad sakemm kont qed naghmel rapport ta' l-iehor ta' Keita narawhom quddiem l-ghassa".

Spjega illi huwa dahhal ir-rapport ta' dan l-incident u tas-serqa bin-numru: 7/P3191/2020 liema rapport gie prezentat u immarkat bhala Dok JH[8].

**In kontro-ezami** spjega li huwa qal li s-sikkina nstabet fuq l-imputat Mohammed Tajeb Adam ghaliex huwa "qabadha mill-but u tefaghha mal-genb mal-ewwel". Jghid li "Pero' rajnieh johrogha mill-but mal-ewwel jigifieri u qabad u tefghha ma' l-entratura ta' l-ghassa ezatt ghax hu u diehel tefaghha." Spjega li din giet elevata minn PC 529 billi uza tissue u pogguta f'envelope ghalih peress li ma kinux jafu jekk ghandhiex xi dmija jew xi haga ohra fuqha.

[8] A folio 31 tal-process

Fl-istess seduta tat-28 t'Awwissu 2020 xehed ukoll l-allegat vittma **Kefali Kibreab Elias**[9] li spjega li fit-13 t'Awwissu 2020 huwa ghamel rapport li kien gie attakkat il-Marsa, hdejn il-Bank of Valletta. Spjega li "*hemm bar il-Marsa kienu hemm hekk u attakkawni b'sikkina. It-tnejn li huma attakkawni, wiehed minnhom pogga sikkina ma ghonqi*." Huwa identifika lill-imputati fl-awla. Mistoqsi minn pogga s-sikkina m'ghonqu huwa spjega:

"*L-ewwel kienet il-persuna li qeghda fuq in-naha tal-lemin ta' l-interpretu l-iehor.*

*Qorti: Ghal kjarifika li huwa l-persuna li ghandu xaghru twil bi nokkli.*

*Interpretu: U li liebes il-glekk l-abjad tah daqqiet u kissirlu snienu ukoll.*

*Prosekuzzjoni: Il-griehi li soffrejt min ghamilhomlok?*

*Qorti: Who is the person who hit you with the knife.*

*Interpretu: Hu qed jahseb li dak tal-glekk l-abjad li tah id-daqqiet.*

*Qorti: Il-persuna tal-glekk l-abjad huwa l-imputat Isara.*

*Prosekuzzjoni: Tiftakar inti gejt mitkellem mill-pulizija, u inti indikajt il-persuna li wegghak lill-pulizija. Tiftakar?*

*Interpretu: Hu qed jghid li t-tnejn li huma tawh.*

---

9 A folio 40 tal-process

*Prosekuzzjoni: Inti sofrejt xi griehi.*

*Interpretu: Iva sofra griehi.*

*Prosekuzzjoni: Fejn? F'liema parti tal-gisem?*

*Interpretu: Qed jindika fuq ic-chin u anka s-sinna.*

*Prosekuzzjoni: Spjega lill-Qorti x'garra, ghaliex dawn it-tnejn minn nies gew fuqek u ghaliex laqtuk.*

*Interpretu: Ma jafx ghalfejn laqtuh, u qatt ma iltaqa' maghhom.*

*Prosekuzzjoni: Kellmuk? Talbuk xi haga?*

*Qorti: Mr Kefali you said that you were attacked, you said that two persons attacked you.*

*Kefali Kibreab Elias: Yes.*

*Qorti: And the two persons are those persons.*

*Kefali Kibreab Elias: Yes right.*

*Qorti: When they attacked you what happened? Tell us just what happened. They attacked you and left? They attacked you and did something else? They took something from you? What happened?*

*Kefali Kibreab Elias: They took my things.*

*Qorti: Ok what things?*

*Interpretu: Mobile, erbghin euro, il-wallet, cwievet dak kollox.*

*Qorti: What else happened. Who did it what happened to your face.*

*Interpretu: Tal-glekk l-abjad.*

*Qorti: Are you sure that it was the one with the white jacket?*

*Kefali Kibreab Elias: Yes but he tried to with the knife, I have scars.*

*Qorti: The one, what do you mean?*

*Interpretu: Tal-glekk l-iswed tah id-daqqiet.*

*Qorti: Ix-xhud qed jghid ukoll li l-persuna li liebsa l-glekk skur tghatu daqqiet fuq il-pala ta' idejh. Ghal kjarifika l-Qorti qieghda tirrileva illi l-persuna li liebes il-glekk skur hija l-persuna li ghandha xaghra twil bin-nokkli iddentifikat bhala Mohammed Tajeb Adam, filwaqt li l-persuna li liebes il-glekk l-abjat hija b'xaghra qasir identifikat bhala Mahmud Isara maghruf Issak.*

*Prosekuzzjoni: Biex tispjega ahjar, igifieri z-zewg persuni kellhom xi haga f'idejhom?*

*Interpretu: Iva.*

*Prosekuzzjoni: X'kellhom f'idejhom?*

*Interpretu: Kellhom sikkina wahda u bdew jqassmuha lil xulxin.*

*Prosekuzzjoni: Meta tghid jqassmuha lil xulxin xi trid tghid biha.*

*Interpretu: Waqt l-incident kienu qeghdin jqassmu s-sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Xi hadd minnhom gie fuqek u attakkak?*

*Interpretu: Iva.*

*Prosekuzzjoni: Liema wiehed gie l-ewwel?*

*Interpretu: It-tnejn li huma.*

*Prosekuzzjoni: Igifieri t-tnejn gew f'daqqa?*

*Interpretu: Iva.*

*Qorti: At the same time?*

*Interpretu: F'daqqa.*

*Prosekuzzjoni: Umbghad x'gara minn hemm il-quddiem*

*Interpretu: Dahal fil-hanut in-nies li kien hemm kienu jafuhom lill-imputati. Dak il-hin hu kien irrabjat hafna u anka prova jirrezistihom. Dak il-hin fil-bar kienu madwar seba' persuni, provaw anke jduru kontrihom. Tal-glekk l-iswed u xaghru twil gie b'sikkina u harbu minnu. Mar l-open center tal-Marsa u ghamel ir-rapport hemm hekk imbghad minn hemm hekk cemplu l-ghassa tal-pulizija.*

*Prosekuzzjoni: Umbghad x'gara minn hemm hekk il-quddiem? Inghatajt xi kura medika?*

*Kefali Kibreab Elias: I don't understand.*

*Qorti: After you made a report at the police station, what happened?*

*Interpretu: Mar Mater Dei, ghamlulu l-punti.*

*Prosekuzzjoni: Fejn ghamlulek il-punti?*

*Interpretu: Fuq wiccu.*

*Qorti: Ix-xhud wera li ghad ghandu mill-gerha fuq wiccu n-naha li x'hin tkun qed thares lejn in-naha tax-xellug ta' wiccu.*

*Prosekuzzjoni: Rigward is-sikkina tista tghati deskrizzjoni taghha.*

*Interpretu: Hija bhal xi haga awtomatika sewda, il-blade jahseb li kienet sewda. Ix-xafra qed jghid li hija sewda.*

*Qorti: Do you remember the colour of the handle.*

*Interpretu: Qed jghid li kienet ta' kulur kannella.*

*Prosekuzzjoni: L-affarijiet li hadulek minn fuqek min hadhomlok minnhom it-tnejn.*

*Interpretu: Il-persuna li liebsa l-glek l-abjad li haditlu l-affarijiet.*

*Prosekuzzjoni: Mela l-involviment tal-persuna l-ohra x'kien*

*Interpretu: Pogga s-sikkina m'ghonqu u qed jghid li ghandu s-sinjali li qeghdin hawn taht, daqshekk.*

*Prosekuzzjoni: Li ghamilhekk is-sikkina huwa l-persuna l-ohra.*

*Interpretu: Iva*

*Prosekuzzjoni: Xejn aktar mix-xhud Sinjura Magistrat."*

Fl-istess seduti tat-28 ta' Awissu 2020 xehed **Keita Fako**[10] li spjega li ghamel rapport mal-pulizija l-Marsa u mistoqsi meta kien spjega li ma jafx jghid meta kien ghax ma jafx id-dati u l-ismijiet bil-lingwa Franciza minhabba li ghandu livell t'edukazzjoni baxx hafna. Spjega li l-incident sar bil-lejl u huwa mar l-ghassa bil-lejl. Spjega "*li meta hareg mid-dar tieghu gew nies fuqu u bdew jkellmuh.*

*Qorti: Kemm nies?*

*Interpretu: Zewg persuni.*

*Prosekuzzjoni: U xi bdew jghidulu.*

*Interpretu: Huma talbuni l-flus. Jiena ghidtilhom jiena ma ghandix flus. Wiehed minn dawn it-tnejn dahhal idejh fil-bwiet tieghi biex ifittex kartiera u fl-istess hin kien qed jpoggi sikkina ma' sidri.*

*Qorti: L-istess wiehed?*

---

[10] A folio 48 tal-process

*Interpretu: Iva l-istess persuna. Issa qed jikkoregi lilu nnifsu l-persuna li poggietli s-sikkina ma sidri ma kienetx l-istess persuna li fittxitli fil-bwiet, imma t-tieni persuna fittxitli fil-bwiet.*

*Prosekuzzjoni: Hu jaghraf lil xi hadd fl-awla.*

*Qorti: Ix-xhud identifika lill-imputat li liebes il-gakketta l-bajda bhala l-persuna li fittixlu fil-bwiet. Il-persuna li liebes il-glekk l-abjad huwa Mahmud Isara mgharuf bhala Issak.*

*Interpretu: U dan il-persuna sablu cheque fil-but, sabli cheque tal-kumpanija tieghi fil-but. Il-kumpanija rriplejsjatli c-cheque.*

*Prosekuzzjoni: Issa l-persuna l-ohra.*

*Interpretu: L-iehor poggieli s-sikkina ma' sidri.*

*Qorti: Ix-xhud identifika lill-imputat l-iehor liebes il-gakketta s-sewda bhala l-persuna li poggietlu s-sikkina ma sidru. L-imputat li liebes il-gakketta s-sewda huwa Mohammed Tajeb Adam.*

*Prosekuzzjoni: Imbghad x'gara meta wiehed qed ifittixlek fil-bwiet u l-iehor ghamillek is-sikkina, x'gara minn hemm il-quddiem.*

*Interpretu: Jiena tlaqt nigri u dhalt fl-ghassa tal-pulizija.*

*Qorti: Ta' fejn?*

*Interpretu: Tal-Marsa. U gew mieghi zew pulizija jfittxu lil min kien f'dan l-incident. Dawn il-pulizija ma sabux lil dawn il-persuni kkoncernati u kellmuni.*

*Qorti: Dr. Licari l-bicca li qal bil-Franciz ghamlilna translation taghha jekk joghgbok.*

*Interpretu: Qal din id-darba li rega' mar fl-ghassa tal-pulizija u waqt li kien hemm ghaddew kumbinazzjoni. Waqt li kien hemm it-tieni darba meta ma sabuhomx il-pulizija u rega' mar, ghaddew minn ma' genb l-ghassa.*

*Qorti: Ghaddew min?*

*Interpretu: Dawn il-persuni.*

*Prosekuzzjoni: U x'ghamel hu?*

*Interpretu: It-tieni darba l-pulizija qabduhom u mmanetjawhom. Mela lil Ruska l-pulizija rah jwaqqa s-sikkina ma' l-art.*

*Prosekuzzjoni: Hu rah jew il-pulizija rah.*

*Interpretu: Il-pulizija gabar is-sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Inti s-sikkina rajta?*

*Interpretu: Iva iva t-tieni darba rajt jien is-sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Kienet l-istess sikkina li gejt attakkat biha?*

*Interpretu: L-istess sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Tista tghatina deskrizzjoni ta' din is-sikkina*

*Interpretu: Issa qed jghid li kienet zghira s-sikkina.*

*Qorti: Il-kulur tas-sikkina x'kien.*

*Interpretu: Kien id-dlam ma nafx il-kulur tas-sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Tista' issemmi x'hadulek, ghax l-ewwel semmejt cheque biss. Tista tghidilna x'hadulek.*

*Interpretu: Ma nafx.*

*Qorti: Ma ghadux kif qal li hadulu c-cheque*

*Interpretu: They took my tobacco, they took my cheque, they did not take my money.*

*Qorti: They took his wallet.*

*Interpretu: It was empty, there was no money. In the wallet there was a cheque and they took my tobacco, and they took my pink mask.*

*Prosekuzzjoni: Ic-cheque jiftakar kemm kien l-ammont.*

*Interpretu: Principalment jekk qed nifhem sew three hundred euros u xi ammonti zghar.*

*Prosekuzzjoni: Ha nurik oggett li gie prezentat u huwa mmarkat bin-numru 30.*

*Interpretu: This is mine.*

*Prosekuzzjoni: Tista tghidilna x'inhu.*

*Interpretu: Maskra kontra l-corona virus.*

*Prosekuzzjoni: U dan jigifieri huwa tieghek?*

*Interpretu: Iva iva tieghi.*

*Prosekuzzjoni: Jigifieri dan li semmejt li hadulek fix-xhieda tieghek.*

*Interpretu: Iva dak haduh ukoll mill-but tieghi.*

*Prosekuzzjoni: Xejn aktar mix-xhud Sinjura Magistrat."*

Fis-seduta tal-01 t'Ottubru 2020 xehed **l-Ispettur Lydon Zammit**[11] illi spejga li "*fit-13 t'Awwissu ta' din is-sena 2020 ghal habta tas-siegha ta' filghodu l-Pulizija kienu infurmati minn certu Keita Fako bin-numru ta' residenza Maltija 0054743A fejn irrapporta fl-Ghassa tal-Marsa li zewg persuni maskili ta' karnaggon iswed kienu ghadhom kif serquh fi Triq Derby gewwa l-Marsa stess u waqt din is-serqa kienet intuzat ukoll sikkina. Hu minn naha tieghu waqt li l-pulizija kienu qed ikellmu lil dan il-persuna fit-triq, giet persuna ohra maskili bl-isem ta' Kefali Kibreab Elias bin-numru ta' l-identita 152798A fejn gie innutat li hu kellu xi griehi f'wiccu u li kien informa lill-pulizija li kien ukoll sefgha attakkat u misruq minn zewg persuni wkoll ta' karnaggon iswed. Il-pulizija minhabba l-griehi li kien hemm f'wicc wiehed mill-vittmi intalbet l-assistenza medika fejn dan ittiehed l-isptar Mater Dei ghal aktar kura. Minn naha taghhom il-pulizija baqghu jitkellmu ma Keita Fako biex jaraw ezattament x'gara. Waqt li l-pulizija kienu qed*

[11] A folio 62 tal-process

*jitkellmu ma Keita Fako ghaddew zewg persuni maskili minn quddiem l-Ghassa tal-Pulizija u dan informa lill-pulizija li kienu l-istess zewg persuni li kienu attakkaw lilu. B'hekk dawn gew arrestati immedjatament fuq din l-informazzjoni u waqt li Mohammed Tajeb Adam kien se jigi arrestat u tefgha sikkina ma l-art li din giet migbura u priservata mill-pulizija u aktar tard giet mghoddija lil Dr. Marisa Cassar bhala parti mill-inkjesta ghal aktar investigazzjoni minn naha taghha ghal testijiet. Irrizulta li dawn iz-zewg persuni li gew arrestati kienu certu Mohammed Tajeb Adam li jiena qed naghraf hawn hekk fl-awla wiehed mill-imputati li qieghed bil-glekk abjad li huwa mis-Sudan.*"

Ix-xhud identifika lill-imputati Mohammed Tajeb Adam fl-awla u lill-imputat Mahmud Isara fl-awla.

Kompla illi: "*Hawn hekk bdew it-tfittxijiet mill-pulizija fuqhom fejn gew elevate diversi oggetti fosthom irrizulta li kien instabu xi affarijiet ukoll li kienu jappartjenu lil wiehed mill-vittmi. L-Ispettura ta' l-Ghassa l-Ispettura Stacy Attard kienet infurmat lill-Magistrat dakinhar ta' l-Ghassa Dr. Doreen Clark fejn kienet inhatret inkjesta Magisterjali rigward iz-zewg incidenti. L-ghada ukoll kif diga xehed Dr. Marisa Cassar kienet hadet is-sikkina mill-ufficini taghna gewwa c-CID u kienet hadet ukoll buccal swabs mill-vittmi biex jigi analizzati. Il-vittma Keita Fako gie mitkellem fejn spjegalna x'gara dakinhar u spjegalna wkoll kien ta deskrizzjoni min kien uza s-sikkina fuqu. Kien spjegalna hu l-persuna l-agressur wiehed minnhom kien bin-nokli u kien hu li gheddu bis-sikkina u li kien serqu. Il-pulizija ukoll irnexxilna nitracjaw lil Kefali minhabba li sa dak il-hin kien gie rilaxxa mill-isptar Mater Dei u li spjegalna ukoll li kienu dawn iz-zewg persuni li kien ukoll bi dread locks li kienu attakkawh u serquh dakinhar ta' l-incident. Gejna infurmati ukoll li Kefali Kibreb Elias wiehed mill-*

*vittmi kien sofra griehi gravi fl-incident u dan gie certifikat minn Dr. Elaine Buttigieg mill-isptar Mater Dei bin-numru mediku 4387. Iz-zewg persuni kienu inghataw id-drittijiet ukoll u sussegwentement kienu gew repetuti fl-ufficini taghna fejn huma hadu l-parir legali t-tnejn li huma minghand Dr. Leontine Calleja. Fejn f'zewg audio visuals l-ewwel ittiehed ta' Mohammed Tajeb Adam fejn innega kull involvement f'dawn iz-zewg incidenti. Wara kienet ittiehdet stqarrija ohra minn Isara Mahmud minni u mill-Ispettur Stacy Attard fejn dan spjegalna l-involviment tieghu izda dejjem qal li kemm is-sikkina u kemm il-vjolenza li intuzat fuq iz-zewg vittmi kien dejjem uzaha l-imputat l-iehor igifieri Mohammed Tajeb Adam. Minn naha taghna ergajna tkellimna ittiehdet it-tieni stqarrija ta' Mohammed Tajeb Adam bl-affarijiet li kienu irrizultaw mill-ewwel stqarrija ta' l-imputat l-iehor fejn din id-darba hu biddel il-verzjoni kollha u kien ammetta li kien involut f'dawn iz-zewg serqiet izda mhux hu kien li uza s-sikkina izda kien il-persuna li kellu mieghu jigifieri kien qieghed jirreferi ghal Mahmud Issak li kien uza s-sikkina u l-vjolenza u kien weggha lil vittma specjalment lil Kefali Kibreb Elias. Sinjura bdejt naghmel referenza ghalih Mahmud Issara Issak ukoll ghax hu known as Issak. Sussegwentement fl-14 t'Awwissu 2020 iz-zewg imputati gew imressqa quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa Dr. Claire Stafrace Zammit minni, mill-Ispettur Fabian Fleri kif ukoll mill-Ispettur Stacy Attard. Waqt l-investigazzjoni ingabru wkoll xi footages fejn kien deher persuna li ghalkemm mhux cari, kienet dehret persuna li gie ddentifikat bhala Mohammed Tajeb Adam ezattament wara l-ewwel incident li kien gara. Ahna jirrizultalna li l-ewwel incident kien fejn gie midrub Kefali Kibreb Elias u wara ftit metri l-boghod kien sehh ta' Keita Fako.*

Ix-xhud spjega li kien hemm zewg incidenti wiehed fejn gie midrub Kefali Kibreb Elias li sehh fi Triq Belt il-Hazna kif u l-iehor fejn sefa misruq il-persuna l-ohra li sehh fi Triq Derby, it-tnejn gewwa l-Marsa.

Iz-zewg toroq jinsabu gewwa l-Marsa. Huwa kkonferma wkoll illi PC 529 kien ra persuna jarmi ma' l-art is-sikkina li rrizulta li kien Mohammed Tajeb Adam li kien rema s-sikkina li mbaghad giet preservata.

Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza tal-incident bin-numru 7P/391/2020 mmarkat bhala Dok LZ 1[12], tlett CD's li fihom l-audio visual statements. Tnejn minnhom ta' Mohammed Tajeb Adam u t-tielet CD huwa l-audio visual statement li ttiehed lil Mahmud Isara immarkati bhala Dok LZ 2, Dok LZ3, u Dok LZ 4[13] u c-certifikat mediku mahrug minn Dr. Elaine Buttigieg lil Kefali Kibreb Elias immarkat Dok LZ 5[14].

Fis-seduta tal-01 t'Ottubru 2020 xehdet ukoll **Dr Elaine Buttigieg**[15] li murija Dok LZ5 sjegat: "*Dan huwa rapport tal-pulizija li ktibt jien fit-13 t'Awwissu 2020 ta' Kefali Kibreab Elias. Hawn miktub li kellu laceration fuq wiccu u kellu bzonn tliet punti li huma deskritti bhala griehi gravi.*" Hija spjegat li kienet ezaminat lill-vittma fit-13 t'Awwissu 2020 fid-dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei.

F'dik is-seduta tal-01 t'Ottubru 2020 xehed ukoll l-**Ispettur Stephen Gulia**[16] li spjega li: "*Fit-13 t'Awwissu 2020 ghal habta tat-tlieta kont prezenti ghal audio visual statement rilaxxat minn Mohammed Tajeb Adam li qed ngharaf prezenti fl-awla bi glekk abjad.....F'din l-audio visual statement kien hemm prezenti wkoll l-Ispettur Fabian Fleri kif ukoll l-Ispettur Stacy Attard u kif ukoll l-istess interpretu li hawn f'din l-awla. Aktar minn hemm Mohammed Tajeb Adam ikkonsulta ma avukat Dr. Leontine Calleja umbghad wara ttiehed dan l-istatment.*

[12] A folio 69 tal-process
[13] A folio 77 tal-process
[14] A folio 78 tal-process
[15] A folio 79 tal-process
[16] A folio 81 tal-process

*Fejn minn naha tieghu Mohammed Tajeb Tajeb innega kollox dwar l-involviment tieghu rigward dawn iz-zewg reati. Aktar tard ittiehed audio visual statement lil istess Mohammed Tajeb Adam din id-darba mehud minni flimkien ma l-Ispettur Michael Vella li dak iz-zmien kien Surgent 249 u kif ukoll prezenti kien hemm l-istess interpretu li kien qabel ukoll. Din id-darba fit-tieni audio visual statement Mohammed Tajeb Adam tefgha l-htija kollha fuq Mahmud Isara li qieghed naghraf prezenti f'din l-awla li huwa l-persuna l-ohra….*

*Aktar minn hekk fil-15 t'Awwissu 2020 jien rrikorejt gewwa School Street Marsa li hija zewg kantunieri l-boghod minn fejn sehh l-incident cioe Derby Street fejn minn hemm hekk gbart xi CCTVs mit-triq fejn jidhru zewg persuni jigru f'dik it-triq b'wiehed minnhom ingharaf li kien Mohammed Tajeb Adam minhabba l-istil ta' xaghar li kellu li huwa l-istess stil li ghandu prezenti fl-awla. Ghaldaqstant ingharaf bhala wiehed mill-persuni li kien qed jigri. Aktar minn hekk l-istess Mohammed Tajeb Adam fil-filmat jidher li kellu xi haga f'idejh pero din ma setetx tigi identifikata x'kienet.*"

Huwa pprezenta l-filmati msemmija ta' CCTV's li ngabru minn School Street gewwa l-Marsa, immarkati Dok SG 1[17].

**Dr. Steven Farrugia Sacco** li kien gie mahtur bhala espert tal-Qorti biex johrog fotogrammi minn Dok SG xehed fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2020[18] u esebixxa r-rapport tieghu immarkat SFC[19].

F'dik is-seduta xehdet ukoll **WPC 423 Charlene Delia[20]**, li spjegat illi: "*Nhar it-13 t'Awwissu ghall-09.50pm gewwa l-ghassa tal-Marsa dahal*

17 A folio 84 tal-process
18 A folio 87 tal-process
19 A folio 89 tal-process
20 A folio 111 tal-process

*Mr Fako u stqarr mieghi li dakinhar fil-ghaxija gie aggredit minn zewg persuni u serqulu xi affarijiet minn fuqu. Fost dawn l-affarijiet kellu wallet ta' lewn kannell, tal-Linja Card u cekk mahrug lilu mill-kumpanija tax-xoghol. Dan ic-cekk kien jammonta ghal Euro 318.23.*" Hija kkonfermat illi ghamlet update fir-rapport tal-incident kif jirrizulta a folio 37 tal-process.

F'dik is-seduta xehed ukoll **PC 529 Eman Ellul**[21], li spjega li

> "*Fit-13 t'Awwissu kont qieghed night watch, kont qieghed xoghol il-Marsa xufier....Ta' din is-sena 2020. Konna qed naghmlu patrol u kont sejjer l-ghassa l-Marsa kont qieghed wahdi fil-vettura u nara persuna jghajjat u jibki u jghid li kienu ghadhom kemm serquh u kien qisu taht xokk. Konna vicin l-ghassa sa dak l-hin. Inzilna mieghu vicin il-BOV tal-Marsa u kien hemm persuna iehor li kien qieghed migugh ukoll. Kellu griehi gox-xedaq u go idejh u beda jghid li sequh l-istess persuni wkoll. Huma bdew jghidu li kienu serquhom zewg persuni li kien zghar irqaq u mhux twal hafna pero mhux qosra. Gibna l-ambulanza ghax kien persuna kien ferut wiehed minnhom li beda jallega li kellu daqqiet ta' sikkina u l-iehor beda jghid li ghalkemm kienu serquh u wzaw is-sikkina ma kienx imwegga'. Ma kellux bzonn imur l-isptar. Jiena bdejt indur fl-inhawi biex nara jekk nilmahx xi sewg persuni biex forsi nkunu nistghu narrestawhom u wara telaq wiehed minnhom l-isptar ahna morna l-ghassa biex nibdew r-rapport x'kienu serqulu u affarijiet hekk. Waqt li kien qieghed jaghmel ir-rapport il-kollega tieghi, certu Keita Fako li kien qieghed jaghmel ir-rapport lemah zewg persuni u beda jghajjtu jghidilna li dawk kienu z-zewg persuni li kienu serquh....*

[21] A folio 113 tal-process

*Xhud: Kienu mexjin faccata tal-ghassa tal-Marsa. Sadanittant jien hrigt u ghajjatilhom biex jidhlu gol ghassa. L-iehor kien lahaq hareg. Konna se ndahluhom ghal gol-ghassa u ezatt x'hin kienu se jidhlu go l-ghassa rajt persuna tohrog xi haga mill-but u ramitha fl-art.....*

*Xhud: Triq Balbi l-Marsa. Wiesa daqs il-wisa ta' din il-kamra. Jidhru sew*

*Pros: Int ghedt li dawn iz-zewg persuni ghedtilhom biex jidhlu l-ghassa u wiehed minnhom rajtu jarmi xi haga.*

*Xhud: Ghedtilhom biex jidhlu l-ghassa pero jien imxejt warajhom biex indahhalhom gol-ghassa biex nillidjahom ghall-ghassa. Huma u dehlin ezatt fil-bieb tal-ghassa wiehed minnhom li qed naghrfu hawnhekk fl-awla.*

*Pros: Liema wiehed?*

*Xhud: Dak li ghandu xaghru bid-dreadlocks.*

*Qorti: Ix-xhud identifika lill-imputat Tajeb Mohammed Adam.*

*Xhud: Hareg sikkina minn gol-but u ramiha mal-art. Sa dak il-hin kont ghadni ma ndunajtx x'rama.*

*Qorti: Mhux identifika imma indika.*

*Xhud: Jien inzilt mal-art biex nara x'kienet u rrizulta li kienet sikkina u gbartha peress li kelli zewg persuni arrestati gol-ghassa u ridt innehhi l-perikolu ghalija u ghall-kollega tieghi u*

*arrestajniehom u mmanetjajniehom u tajniehom id-drittijiet. Infurmajniehom li qeghdin arrestati u tajnihom id-drittijiet taghhom.*

*Pros: Mela int identifikajt il-persuna li ghandu xaghru bid-dreadlocks bhala l-persuna li rajt jarmi l-oggett li rrizulta li kienet sikkina. Hares harsa madwarek u ara taghrafx lill-persuna l-ohra li arrestajt.*

*Xhud: Naghraf lil min kien qieghed mieghu.*

*Qorti: Ix-xhud identifika lill-imputat l-iehor Mahmud Isara maghruf bhala Issak prezenti fl-awla.*

*Pros: Dan Keita Fako identifikajthom lil dawn iz-zewg persuni. Naqblu?*

*Xhud: Iva x'hin kien qieghed gol-bieb tal-ghassa waqt li konna se niehdu l-verzjoni tar-rapport.*

*Pros: U fhimtek sewwa li l-persuna l-ohra, dak li kellu l-griehi go wiccu kien diga telaq lejn l-isptar meta grat din il-bicca xoghol?*

*Xhud: Iva. Dak ma giex fejn l-ghassa. Dak haditu l-ambulanza minn fejn sar l-incident.*

*Pros: Dak taf x'jismu*

*Xhud: Dak jismu Kefali Elias.*

*Pros: Int ghamilt rapport rigward dan?*

*Xhud: Ir-rapport ghamlu l-kollega tieghi l-orderly li jigi PC 1369 Jurgen.*

*Pros: M'ghandix izjed domandi min-naha tieghi."*

Xehdet ukoll **WPS 360 Rachel Gatt**[22], li spjegat li: "*Gejt mitluba sabiex naghmel ricerka minn fuq is-sistema tal-armi tal-pulizija sabiex nidentifika jekk l-imputati cioe Mahmud Isara Nru tal-Pulizija 19I003 u Mohammed Tajeb Adam Nru tal-Pulizija 18L055 sabiex niccekja jekk ghandhomx licenzja ta' xi tip ta' arma. Jien mir-ricerka li ghamilt irrizultali li mhumiex rikonoxxuti fis-sistema tal-armi tal-pulizija z-zewg imputati.*"

Ix-xhud esebiet dokument li mmarkat RG[23].

Fl-istess seduta xehed ukoll **Angelo Buttigieg**[24] li pprezenta nota tal-Avukat Generali[25] li biha gie esebiet process verbal nru:1204/2020[26] maghluq fid-29 ta' Ottubru 2020 dwar serq aggravat minn gewwa l-lokalita tal-Marsa matul il-lejl tat-13 t'Awissu 2020 ghad-detriment ta' Keita Fako u Kefali Kibreab Elias.

Illi mill-process verbal fl-imsemmija inkjesta jirrizulta illi:

"*Permezz ta' rapport verbali maghmul mill-Ispettur tal-Pulizija Stacy Attard illi nhar it-13 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tas-13:00pm waqt ronda mill-Pulizija tal-Ghassa tal-Marsa instema'*

[22] A folio 116 tal-process
[23] A folio 118 tal-process
[24] A folio 122 tal-process
[25] A folio 123 tal-process
[26] A folio 125 tal-process

*hafna ghajjat fit-toroq fejn irrizulta illi certu Keta Fako, detentur tan-numru tal-Pulizija OSB-22 kien jinsab fi stat ta' paniku hekk kif spjega lill-Pulizija illi huwa kien ghadu kif gie misruq 380 ewro fi flus kontanti flimkien ma mowbajl, kif ukoll mhedded b'sikkina minn zewg persuni maskili Triq Derby fil-Marsa.*

*Illi hekk kif l-istess Keta Fako kien qed jigi mitkellem mill-Pulizija giet nnutata persuna maskili ohra, u cioe' Kefali Kibreab Elias, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 152798A fejn seta jigi nnotat illi kellu griehi fix-xedaq kif ukoll f'idejh u saqajh, fejn l-istess Kefali Kibreab Elias ta deskrizzjoni ta' zewg persuni maskili, liema deskrizzjoni kienet taqbel mad-deskrizzjoni illi kien ta' Keita Fako.*

*Illi galadarba Keita Fako ttiehed gewwa l-Ghassa tal-Marsa sabiex jittiehed rapport, l-istess Keita Fako gharaf zewg persuni maskili mexjin quddiem l-Ghassa tal-Marsa, illi rrizulta li kienu l-istess zewg persuni maskili illi allegatament kien safa misruq u midrub minnhom.*

*Illi hekk kif l-istess zewg persuni maskili gew indikati lill-Pulizija u gew ukoll avvicinati mill-Pulizija, wiehed mill-persuni msemmija tefa' sikkina mal-art quddiem l-istess Pulizija sewwa sew fuq l-ghatba tal-Ghassa tal-Marsa.*

*Illi l-imsemmija persuni rrizulta illi huma certu Mohammed Tajeb Adam detentur tan-numru tal-Pulizija 18L-055 u Mahmud Isara, maghruf ukoll bhala Isaak u detentur tan-numru tal-Pulizija 19I-055.*

*Illi l-persuna illi tefa' s-sikkina mal-art irrizulta illi kienet propju Mohammed Tajeb Adam.*

*Illi fost oggetti ohra instabu 340 ewro fi flus kontanti fuq il-persuna ta' Mahmud Isara.*

*Illi investigazzjoni ulterjuri illi l-Pulizija ghamlet fuq il-post irrizultaw fin-negattiv.*

*Il-Magistrat Inkwerenti ordnat li jsir access mill-imsemmija Spettur Stacy Attard u hatret biex jghinuha lil Dr. Mario Scerri, lil Dr. Marisa Cassar u lil PC 976 Thomas Zammit bhala Scene of Crime Officer.*

*Illi fis-16 ta' Settembru, 2020 Dr. Marisa Cassar ipprezentat ir-relazzjoni taghha li giet immarkata Dok MC 1.*

***Illi Dr. Marisa Cassar ipprezentat is-segwenti konkluzjoni: -***

*Mill-kampjun li ttiehed mill-mus ma hareg l-ebda profil generiku.*

*Illi permezz ta' rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Ottubru 2020 mill-Ispettur tal-Pulizija Stacy Attard, il-Magistrat Inkwerenti giet mitluba sabiex taghlaq din l-inkjesta stante illi l-Pulizija resqet zewg persuni in konnessjoni mal-incident in ezami.*

*Illi sa llum l-esperti Dr. Mario Scerri u PC 976 Thomas Zammit ghadhom ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom.*

*Maghmula dawn il-konkluzjonijiet il-Magistrat Inkwerenti irredigiet dan il-process verbal u wara li ghaqqdet mieghu ir-rapport ta' l-*

*Ispettur Stacy Attard u l-atti l-ohra prezentati quddiemha, tordna li dan l-inkartament jintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien skond il-ligi*."

Fis-seduta tad-09 ta' Dicembru 2020 xehed **Dr. Noel Cutajar** illi spjega: "*Kont gejt imqabbad minn din il-Qorti biex naghmel transkripts ta' tliet CD's li huma dokument immarkat bhala Dok LZ 2 sa LZ 4. Jiena qieghed f'pozizzjoni li nipprezenta t-transkripts kif ukoll nirritorna lura t-tliet CD's li gew uzati ghat-transkripts. Ghandi kopja ghad-difiza, il-prosekuzzjoni diga ghaddejtilha kopja seduta stante*."

Huwa esebixxa tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok NC 1[27], Dok NC 2[28], u Dok NC 3[29] u rritorna in atti c-CD's immarkati bhala Dok LZ 2, Dok LZ 3 u Dok LZ 4.

Illi fis-seduta tad-09 ta' Dicembru 2020, l-imputat Mahmud Isara k/a Issak irregistra ammissjoni u s-sentenza relattiva inghatat fit-22 ta' Jannar 2021.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 xehed **Houto Nazmi Khalil**[30] li spjega illi: "*Jiena kont prezenti waqt l-interrogazzjoni fil-konfront ta' l-akkuzat. L-akkuzat juza l-lingwa Gharbi u Sudaniz u jien kont prezenti waqt l-interrogazzjoni, baqa' jispjega u waqt l-interrogazzjoni spjega x'kien is-suggett. U jien nikkonferma dawk l-atti partikolari waqt l-interrogazzjoni fil-konfront ta' l-akkuzat bhala interpretu mahtur mill-Qorti Sinjura Magistrat".*

27 A folio 147 tal-process
28 A folio 161 tal-process
29 A folio 182 tal-process
30 A folio 209 tal-process

Fl-istess seduta xehed ukoll **Dr. Mario Scerri**[31] li spjega illi: "*Dan kien fl-atti ta' l-inkjesta dwar griehi li garrab Kefali Kibreab Elias wara li allegatament gie aggredit fil-Marsa nhar it-13 ta' Awwissu 2020. Ezaminajtu u hadtlu x-xhieda. Ezaminajtu nhar it-18 ta' Awwissu 2020. Dan allega li nhar it-13 ta' Awwissu 2020 kien fi Triq is-Salib, gewwa l-Marsa fejn l-open centre fejn kien hemm zewg persuni li allegatament aggredewh b'sikkina u gaghluh ibattal il-bwiet. Kellu chipping ta' darsa li kien rizultat ta' blunt trauma, kellu lezjoni fuq in-naha tax-xellug tal-geddum li kellha sharp margin u ghalhekk kompatibli ma lezjoni maghmula b'instrument li jaqta' u bil-ponta. Din il-lezjoni tista' tibqa bhala marka permanenti fil-wicc*".

Ix-xhud esebixxa r-rapport tieghu li gie immarkat bhala Dok MS[32].

**In Kontro-ezami** spjega li minn dakinhar 'l hawn ma regax ra lill-vittma. Mistoqsi dwar il-permanenza tal-griehi sofferti huwa spjega li: "*Kien hemm incizjoni fuq il-wicc, il-probabilta' li tibqaghlu marka permanenti fuq il-wicc…Biex tkun taf fiqitx jew tibqalux permanenti jridu jghaddu mill-inqas ghaxar xhur*".
Kontro ezami ulterjuri riservat.

Fis-seduta tal-05 ta' Frar 2021 xehed **Mahmud Isara k/a Isaak**[33] li spjega li huwa kien gie mressaq fuq xi kazijiet il-Qorti u wehel fuqhom u minn liema sentenza huwa ma ressaqx appell. Huwa xehed illi[34]:

"*Interpretu: Konna fil-bar it-tnejn, kemm ahna konna fis-sakra.*

[31] A folio 211 tal-process
[32] A folio 214 tal-process
[33] A folio 228 tal-process.
[34] Din ix-xhieda qeghda tigi riprodotta in toto.

*Prosekuzzjoni: Mela ha nibdew haga haga meta qed tghid konna qed jitkellem fil-plural, min kienu?*

*Interpretu: L-akkuzat Mohammed.*

*Prosekuzzjoni: U meta qed tghid l-akkuzat qed tgharfu fl-awla? Tista tindikah.*

*Interpretu: Qed juri l-akkuzat.*

*Qorti: Ix-xhud identifika lill-akkuzat fl-awla.*

*Prosekuzzjoni: Meta qed tghid kontu, tiftakar id-data, il-perijodu, x-xahar.*

*Interpretu: Ma jiftakarx.*

*Prosekuzzjoni: Ta' liema sena?*

*Interpretu: Xahar Awwissu 2020.*

*Prosekuzzjoni: Meta kien f'bar, ghidlu jispjegalna x'gara.*

*Interpretu: Ahna konna gewwa l-bar, konna fis-sakra u ma nafx x'gara ezatt.*

*Prosekuzzjoni: Bejn wiehed u iehor x'hin kienu imma.*

*Interpretu: Ghal habta tal-hdax u t-tnax bil-lejl.*

*Prosekuzzjoni: Issa x'gara?*

*Inteerpretu:  Ahna intqajna ma niex u ghamilnilhom xi problema lil dawn in-nies.*

*Prosekuzzjoni: Spjega imma f'liema lokalita kontu.*

*Interpretu:  Il-lokal Marsa.*

*Prosekuzzjoni:  Qed jsemmi n-nies, jista jibda wiehed wiehed.  L-ewwel peresuna x'gara maghha?*

*Interpretu:  Jien dawn in-nies ma nafhomx.*

*Prosekuzzjoni:  Orajt, imma qed issemmi li kien hemm nies u qalawlhom il-problemi.  Issa l-ewwel persuna li kienet li qalawlha l-problemi.  X'gara maghha?  Xi problem qalwlha?*

*Interpretu:  Gie persuna miexi fit-triq jien kont gejt min-naha wara, l-akkuzat li qieghed fil-Qorti prezenti heddu bis-sikkina.*

*Prosekuzzjoni:  jekk ikollok tati deskrizzjoni ta' din il-persuna x'lest li tghid?  X'taf fuqu?*

*Interpretu:  Illi waqt li kont fil-Qorti gie xhud daqsxejn twil.*

*Prosekuzzjoni:  Jaf x'nazzjonalita hu?*

*Interpretu:  Huwa cittadin mill-Eritrea.*

*Prosekuzzjoni:  Issa meta jghid serquh u ghamilu s-sikkina, jista jaghti deskrizzjoni ta' x'gara.*

*Interpretu: Ahna konna gejjin fit-triq konna fis-sakra u ma nafx x'gara. Jien kif sibna lil dan il-vittma fit-triq l-akkuzat gie vicin il-vittma hareg is-sikkina quddiem il-vittma. Xoghli kien li jien naghmilu s-search lil dak il-vittma.*

*Prosekuzzjoni: Meta hareg is-sikkina min fejn hariga s-sikkina?*

*Interpretu: Is-sikkina kienet mieghu ma l-akkuzat.*

*Prosekuzzjoni: Orajt imma fejn kienet. Kienet mieghu imma fejn kienet?*

*Interpretu: Ma nafx.*

*Prosekuzzjoni: Jekk ikollu jaghti deskrizzjoni ta' din is-sikkina, jista jtiha?*

*Interpretu: Is-sikkina kienet kulur iswed. Kienet daqsxejn zghira mhux kbira s-sikkina.*

*Prosekuzzjoni: Meta hareg is-sikkina x'gara minn hemm hekk?*

*Interprettu: Rajt l-akkuzat ipoggi s-sikkina fuq ghonq il-vittma.*

*Prosekuzzjoni: Wara li ghamillu s-sikkina x'gara?*

*Interpretu: Hawn hekk il-vittma huwa Eritrea baqa' sejjer fit-triq, telaq. Kif da nil-vittma baqa' sejjer fit-triq wara ftit mar u gabar xi nies, talab l-ghajnuna l-Eritrejan mar gab in-nies tieghu.*

*Prosekuzzjoni: Meta qed jghid Eritrean huwa l-vittma qed naqblu?*

*Interpretu: Iva.*

*Prosekuzzjoni: Issa x'gara minn hemm hekk il-quddiem?*

*Interpretu: Ahna konna sejrin direzzjoni lejn il-bank tal-Marsa. Kif wasalna vicin ta' l-ghassa rajna persuna minn dawk il-vittmi fin-naha ta' l-ghassa.*

*Prosekuzzjoni: Mela raw persuna ohra differenti mill-ewwel wahda?*

*Interpretu: Le iehor.*

*Prosekuzzjoni: Issa tista tghid x'gara.*

*Interpretu: Dan persuna li mar jaghmel rapport fl-ghassa u kif konna gejjin fit-triq il-vittma gharaf lilna. Jigifiieri ahna li konna waqqafna lill-vittma.*

*Prosekuzzjoni: Imma qabel kien hemm xi incident iehor?*

*Interpretu: Le.*

*Qorti: Hu semma vittma wiehed u qed jghid li l-akkuzat ghamillu s-sikkina ma' ghonqu. Umbghad il-vittma telqet minn fuq il-post. Issa qed jghid li waqt li huma kienu mexjin l-isfel kien hemm xi haddiehor jaghmel rappor l-ghassa illi identifikahom bhala dawk li attakkawh. Kif jekk dan huwa iehor x'gara fil-frattemp?*

*Interpretu: L-istess lit-tieni persuna waqqafna u ghamilna bhal ma ghamilna lil iehor.*

*Prosekuzzjoni: Imma ghidlu jispjega x'ghamlu fit-tieni persuna.*

*Interpretu: Anki t-tieni wiehed il-vittma gheddiedna lilu.*

*Prosekuzzjoni: Kif gheddewh? Minn gheddu?*

*Interpretu: L-istess l-akkuzat hareg sikkina fuq il-vittma tat-tieni wiehed.*

*Prosekuzzjoni: Issa t-tieni wiehed jekk ikollu jaghti deskrizzjoni tieghu.*

*Interpretu: Huwa daqsxejn twil.*

*Prosekuzzjoni: Wara l-incident rega rah xi darb ohra?*

*Interpretu: Le.*

*Prosekuzzjoni: Qatt ma rah zgur lil dan?*

*Interpretu: Iva rajtu fil-Qorti. Pero mhux l-istess wiehed li rajtu fil-Qorti.*

*Prosekuzzjoni: X'jigifieri rajtu fil-Qorti jew ma kienx hu?*

*Interpretu: Ghax l-iehor it-tieni wiehed kien juza l-lingwa Ingliza.*

*Prosekuzzjoni: Le le imma meta rah, rah il-Qorti t-tieni wiehed fejn rah?*

*Interpretu: Jiena veru t-tieni wiehed rajtu fil-Qorti pero mhux l-istess persuna dak it-tieni wiehed li gie.*

*Prosekuzzjoni: Mela dawn iz-zewg persuni li qed isemmi li graw l-incidenti fuqhom x'serqulhom?*

*Interpret: Dan l-Eritrejan hadnilu ammont ta' erbghin ewro minn fuqu u kellu mobile daqsxejn zghir ukoll.*

*Prosekuzzjoni: Issa l-erbghin euro fejn kienu?*

*Interpretu: Kienu fil-but tieghu.*

*Prosekuzzjoni: Kienu f'xi haga l-erbghin euro?*

*Interpretu: Fil-kartiera tieghu.*

*Prosekuzzjoni: X'sar minnhom il-kartiera, il-flus?*

*Interpretu: Wara l-incident il-vittma ha l-istess il-kartiera tieghu.*

*Prosekuzzjoni: Kif hadha?*

*Interpretu: Kif il-vittma mar il-bar baqgha jispjega dan il-vittma li n-nies li kienu gewwa l-bar regghu lura u sab il-kartiera.*

*Peosekuzzjoni: Huma wara dawn iz-zewg incidenti li qed isemmi, x'gara minnhom? X'sehh?*

*Interpretu: Kienu tnejn minn nies illi waqqafnihom biss.*

*Prosekuzzjoni: Orajt, wara dawn iz-zewg incidenti li qed jispjega hu x'gara huma? Huma fejn marru?*

*Qorti: Huma ghal min qed tghid?*

*Prosekuzzjoni: Ghal imputat u x-xhud?*

*Interpretu: Hawn hekk wara l-incident il-vittmi telqu. Wara daqsxejn ftit sibna ruhna l-ghassa u konna fis-sakra.*

*Prosekuzzjoni: Jiftakar x'gara.*

*Interpretu: Ahna morna l-ghassa fejn il-Pulizija hemm triq. Kif wasalna gewwa l-ghassa sibna wiehed minn dawn il-vittmi li kien gewwa l-ghassa. Il-vittma qal meta kienu gewwa l-ghassa hu qal li l-vittma ma jafx lili u lill-akkuzat, ma gharafniex. Wara ftit il-vittma qadt jispjega gewwa l-ghassa dawk it-tnejn min nies humali waqqfuni.*

*Prosekuzzjoni: Inti meta rajt lil din il-persuna gewwa l-ghassa gharaftu mill-ewwel*

*Interpretu: Iva jien gharaftu.*

*Prosekuzzjoni: Is-sikkina li semmejt taf x'sar minnha?*

*Interpretu: Ahna waqt li wasalna gewwa l-ghassa l-akkuzat kien quddiemi, jien kont warajh. L-akkuzat fejn il-bieb tal-ghassa l-*

*akkuzat halla s-sikkina fejn il-bieb tal-ghassa u waddaba ma' l-art. Hawn hekk il-pulizija gie ghas-sikkina u gabarha minn fejn il-bieb ta' l-ghassa.*

*Prosekuzzjoni: Jigifieri din is-sikkina li intremiet ma' l-art mill-imputat u s-sikkina li intuzat, qeghdin nitkellmu fuq l-istess wahda?*

*Interpretu: Iva qed nikkonferma.*

*Prosekuzzjoni: Din is-sikkina min uzaha? Ovjament fil-konfront tal-vittmi.*

*Interpretu: Is-sikkina Mohammed, jigifieri l-akkuzat.*

*Prosekuzzjoni: Xejn aktar minn naha tieghi Sinjura."*

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2021 xehed **is-Supretendent Fabian Fleri**[35] fejn spjega illi:

*"Fit-13 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu certa Keita Fako kien mar l-ghassa tal-Pulizija gewwa l-Marsa fejn irrapporta li zewg persuni kienu attakkawh gewwa Triq Derby il-Marsa u meta attakkawh kellhom sikkina. Sussegwentement ftit tal-hin wara kien dahal certa Kefali Kibreab Elias fejn dan kellu visibilment xi griehi f'wiccu li jidhru li kienu bi strument li jaqtgha u bil-ponta fejn kien irrapporta l-istess li kienu attakkawh zewg persuni waqt li kien il-Marsa. Fil-fatt dan kien mar l-isptar Mater Dei fejn kien gie certifikat minn Dr. Elaine Buttigieg li kellu griehi ta' natura gravi f'wiccu. Waqt li kienu qed ikellmu lil Keita Fako gewwa l-ghassa tal-pulizija l-Marsa dan l-istess Keita kien innota*

---

[35] A folio 248 tal-process

*zewg persuni ghaddejjin bil-mixi minn fejn l-ghassa tal-pulizija tal-Marsa u kien identifikahom bhala l-istess persuni li kienu attakkawh. Fil-fatt meta PC 529 mar lejn dawn iz-zewg persuni innota lil wiehed minnhom jarmi mus ma' l-art. Il-persuna li nnota PC 529 kien certa Mohammed Tajeb Adam li qed ngharaf hawn hekk fl-awla…*

*U l-persuna l-ohra li kien arrestat kien certa Mahmud Isara mgharuf bhala Isaak, illi kien ghaddej proceduri wkoll quddiem din il-Qorti izda ammetta u gie sentenzjat u anke xehed f'dawn il-proceduri. Kienu nsabu xi affarijiet fuq il-persuna taghhom, kienu gew arrestati, kienet giet infurmata wkoll il-Magistrat tal-Ghassa il-Magistrat Doreen Clarke li ordnat li ssir inkjesta u nnominat lil Dr. Mario Scerri, Dr. Marisa Cassar, PC 976 biex jassistuha fl-inkjesta. Sussegwentement iz-zewg persuni umbghad irrilaxxaw stqarrijiet ma' l-Ispettur Lydon Zammit, l-Ispettura Stacy Attard fejn qabel dawn inghataw id-drittijiet kollha taghhom, kienu ghazlu li jiehdu parir minghand l-avukat ta' l-ghajnuna legali li kien xoghol dakinhar. Jien ghall-istqarrijiet ma kontx prezenti u sussegwentement kienu tressqu l-Qorti fl-14 t'Awwissu 2020 b'arrest bl-akkuzi li ghandha quddiema din il-Qorti lllum il-gurnata.*"

Fl-istess seduti xehdet ukoll **Lisa Pace**[36] li spjegat illi hija u zewgha kienu lesti li jzommu lill-imputat id-dar taghhom f'kaz illi jinghata l-helsien mill-arrest. Spjegat illi hija ma tafux lill-imputat izda kien zewgha li kien hbieb mieghu. Spjegat illi hija ma avzatx lil sid il-kera bil-hsieb li jaccettaw lill-imputat fir-residenza taghhom u li dan kien gest temporanju sakemm l-imputat isib xoghol u post fejn joqghod.

---

[36] A folio 251 tal-process

Fis-seduta tas-07 ta' Mejju 2021 xehdet **l-Ispettur Stacy Attard**[37] illi spjegat illi:

"*Nhar it-13 t'Awwissu 2020 gejt infurmata minn PS 1236 fejn infurmani li ghal habta tas-siegha ta' filghodu l-pulizija li kien stazzjonat gewwa l-ghassa tal-Marsa PC 529 kien qed jaghmel ir-ronda tieghu tas-soltu fl-inhawi tal-Marsa fejn beda jisma ghajjat u innota persuna maskili li rrizulta li kien certu Keita Fako bin-numru tal-karta ta' l-identita 547473A u stqarr mal-pulizija li kienu ghadhom kemm serquh zewg persuni maskili ta' karnagon skur. Infurmaw ukoll li kellu sikkina f'idejh u dan sehh gewwa Triq Derby Marsa. Infurmawni wkoll illi ftit tal-minuti wara beda jisma' ghajat gej minn toroq fil-vicin fejn innota persuna maskili iehor li dan irrizulta umbghad li kien certu Kefali Kibreab Elias bin-numru tal-karta ta' l-identita 152798A fejn dan kien jidher visibilment li garrab griehi f'wiccu proprju fix-xedaq tieghu kif ukoll f'idejh u dan l-istess kif stqarr mal-pulizija illi kienu aggredewh zewg persuni maskili ta' karnagon skur, li ddeskriva l-persuna taghho bhala irqaq u tul medju. Qal ukoll li wiehed minnhom kellu sikkina f'idejh, serquh ammont ta' flus kontanti li jammonta ta' tliet mija u tmenin euro kif ukoll mobile phone u dan kien gara gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa stess. Minn hemm hekk issejhet ambulanza sabiex Kefali Kibreab Elias jkun jista' jinghata l-assistenza medika li kellu bzonn. Fil-fatt ittiehed anke l-Isptar Mater Dei, filwaqt li l-pulizija flimkien ma Keita Fako rrikorrew lura lejn l-ghassa tal-Marsa sa biex jiddahhal r-rapport. Filwaqt li kienu l-ghassa sabiex jittiehed ir-rapport Keita Fako innota zewg persuni maskili li kienu mexjin minn quddiem l-ghassa tal-Marsa, fejn mill-ewwel gibed l-attenzjoni tal-pulizija illi dawk iz-zewg persuni kienu l-istess persuni li kienu aggredewh u rrizulta illi kienu certu Mohammed Tajeb Adam police*

37 A folio 265 tal-process

*number 18L-055 kif ukoll Isara Mahmoud police number 19I-003. Nixtieq nghid ukoll illi l-pulizija 529 hareg minn wara l-bank ta' l-ghassa u mar biex iwaqqafhom ra lil persuna minnhom li kien Mohammed Tajeb Adam jarmi sikkina ma' l-art proprju hdejn l-ghatba ta' l-ghassa tal-Marsa. Minn hemm hekk huma gew infurmati li kienu jinsabu that arrest wara li anke qaluli li kienu inghataw id-drittijiet taghhom. Fejn wara search li ghamlilhom il-pulizija fil-pussess taghhom insabu lighters, maskli, cwievet, zewg mobile phones u ammont ta' flus kontanti li jammonta ghal tliet mija u erbghin euro. Minn hemm hekk jien infurmajt lis-Supretendent Fabian Fleri rigward dan l-incident, infurmajt ukoll il-Magistrat tal-Ghassa Doreen Clarke fejn anke fethet inkjesta rigward dan il-kaz. Iktar tard mal-hin filghodu fl-istess gurnata fit-13 ta' Awwissu 2020 gie mitkellem il-vittma Keita Fako fejn dan stqarr li s-sikkina kienet f'idejn dak il-persuna li kellu xaghru nokkli ddeskrivih bhala dread locks. Iktar tard mal-hin umbghad gejna nfurmati li Kefali Kibreab Elias kien qed jsofri minn griehi gravi skond kif iccertifikat mit-tabib Elaine Buttigieg. Ittiehdet ukoll stqarrija wara li nghata ukoll id-drittijiet lil Mohammed Tajeb Adam fejn jiena kont prezenti ghal din l-istqarrija u nikkonferma wkoll li qed ngharaf lill-imputat fl-awla….*

*Fejn fl-ewwel stqarrija hu nnega l-affarijiet li bdejna nghidulu kif deskrivit mill-vittmi. Ittiehdet umbghad stqarrija lil Isara fejn hu qal li s-sikkina u anke l-vjolenza kienu gejjin minn naha ta' Mohammed u mhux minn naha tieghu. Meta eventwalment ittiehdet it-tieni stqarrija lil Mohammed Tajeb Adam hu beda jitfa t-tort fuq siehbu Isara. Hu kien qal li Isara kien uza din is-sikkina. Minn hemm hekk inhargu l-akkuzi u t-tnejn li huma kienu resqu b'arrest l-ghada 14 t'Awwissu 2020 quddiem il-Magistrat Claire Stafrace Zammit.*"

Hija ikkonfermat ir-rapport ta' l-inkjesta li infethet fit-13 t'Awwissu 2020 a folio 128.

In **Kontro-ezami** spjegat illi hija kienet prezenti ghall-istqarrija ta' Mohammed Tajeb Adam u li hija kienet giet infurmata b'dan l-incident mis-Surgent 1236 ghax il-kaz kien jaqa' fil-kompetenza taghha.

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 xehed **in kontro-ezami Mahmud Isara k/a Isaak**[38] illi qal hekk**:**

> *"Dif: Tista tghidilna dakinhar li gara l-incident fejn kontu qabel ma gara l-incident?*
>
> *Xhud: Jien kont il-Marsa.*
>
> *Dif: Ma min kont il-Marsa?*
>
> *Xhud: Kien mieghi wiehed habib tieghi mis-Sudan. Jismu Ali.*
>
> *Dif: Fejn kontu?*
>
> *Xhud: Konna l-Marsa.*
>
> *Dif: Fejn il-Marsa?*
>
> *Xhud: Marsa Park.*
>
> *Dif: Fi x'hin iltqajt ma Tajeb Adam?*

[38] A folio 272 tal-process. Il-kontro-ezami qieghed jigi riprodott in toto.

*Xhud: Fil-Marsa ltqajna fil-post fejn konna jiena u l-habib l-iehor is-Sudaniz*

*Dif: Jigifieri kontu tlieta? Ghax int l-ewwel ghedt li kont ma' tnejn.*

*Xhud: Konna tnejn u mbaghad gie l-persuna Mohammed hdejna.*

*Dif: U kontu tlieta?*

*Xhud: Iva.*

*Dif: X'kontu qeghdin taghmlu l-park?*

*Xhud: Ahna konna tnejn ghalina u hu kien ghalih, jigifieri fl-istess post imma mifrudin.*

*Dif: X'kontu qeghdin taghmlu?*

*Xhud: Konna qeghdin fil-post bil-kera.*

*Dif: Jien hsibtu fil-park qal qabel.*

*Xhud: Ahna konna l-Marsa qisek gej mill-Hamrun, hemm gnien. Hemmhekk konna.*

*Dif: Barra kien jigifieri. Sewwa fhimtu l-ewwel darba. U hu kien ma Somali u ma' Tajeb Adami?*

*Xhud: Jien kont mal-habib tieghi l-iehor biss. Jigifieri s-Sudaniz.*

*Dif: U f'xi hin iltqajt mal-imputat?*

*Xhud: Ahna konna niltaqghu mieghu hemmhekk il-Marsa kultant. Dakinhar li semmejt int konna ma' xulxin.*

*Dif: Jigifieri kienu tlieta jew kienu izjed?*

*Xhud: L-ewwel kont ma' Mohammed li qieghed fl-awla. Wara li telaq Mohammed imbghad gie habib tieghi l-iehor li semmejtilkom fil-bidu s-Sudaniz.*

*Dif: Jigifieri kien ghadu ma sehhx l-incident?*

*Xhud: Konna mieghu meta gara l-incident.*

*Dif: Imma x'kontu qeghdin taghmlu gol-park?*

*Xhud: Konna ma xulxin imbghad baqajna sejrin fit-triq u meta konna sejrin fit-triq inqala' l-problema.*

*Dif: Fil-gnien x'kontu qed taghmlu? Kontu qed tixorbu?*

*Xhud: Iva.*

*Dif: Kemm xrobt int dakinhar?*
*Xhud: Xrobt hafna. Ma niftakarx kemm xorbt.*

*Dif: Jekk nghidlek li xrobt hafna li ma tantx kont taf x'inhu jigri x'ghandek xi tghid?*

*Xhud: Fil-bidu veru xrobt hafna. Fil-bidu kont naf x'qed jigri. Meta ghamilt il-problema mieghu ma niftakar xejn. Wara li spiccat il-problema jew glieda jew x'kienet imbaghad ftakart x'garra.*

*Dif: Wara*

*Xhud: Wara.*

*Dif: Imma dak il-hin ma tafx x'gara?*

*Xhud: Le. Xejn ma ftakart.*

*Dif: Meta tlaqt mill-park kif tlaqt? Ma min kont?*

*Xhud: F'nofs il-lejl, qisu hekk is-siegha ta' filghodu.*

*Dif: Kemm kont ilek il-park?*

*Xhud: Erba' sieghat qisu. Fit-tmienja tal filghaxija kont hemm.*

*Dif: Jigifieri ghamiltu xi erba' sieghat tixorbu.*

*Xhud: Iva. Mhux nixorbu l-hin kollu, nixorbu, nitkellmu.*
*Dif: Tajeb lejn l-ahhar gie?*

*Xhud: L-istess hin taghna gie.*

*Dif: Kien hemm gieli bejn is-Somali hemmhekk x'hin kontu fil-gnien?*

*Xhud: Le jien ma noqghodx maghhom.*

*Dif: Meta tlaqt mill-gnien, tlaqt wahdak? Tlaqt mieghu? Tlaqt mas-Somali? Fejn mortu?*

*Xhud: Jien u hu.*

*Dif: Flimkien.*

*Xhud: Iva flimkien.*

*Dif: Fejn mortu wara li tlaqtu mill-park?*

*Xhud: Morna fejn il-knisja tal-Marsa. It-Triq tal-Knisja.*

*Dif: Hemmhekk iltqajtu ma xi hadd?*

*Xhud: Jista jun wiehed u jista jkun 11-il persuna. Ma niftakar xejn*

*Dif: Imma tiftakar x'gara? Gara xi incident ma xi persuna?*

*Xhud: Il-kliem kollu li qed issaqsini issa ga ghandkom miktub.*
*Dif: Trid twegibni imma.*

*Xhud: M'ghandi xejn x'nghid.*

*Dif: Trid tghidli ma min iltqajt u x'gara?*

*Xhud: Il-problema li grat jjew x'gara hemmhekk, ghalih jien qieghed hawn, minhabba dik li gara hemhekk.*

*Dif: Imma trid tghidli ghax jien irrid inkun naf.*

*Xhud: Meta konn sejrin fit-triq ghamilna problema ma' dik il-persuna.*

*Dif: Spjega kif.*

*Xhud: Jigifieri l-glieda jew problemi li nqala' hemmhekk ma' dak il-prsuna u mbaghad telqu.*

*Dif: a persuna wahda jew ma zewg persuni?*

*Xhud: Ma' wiehed biss.*

*Dif: Dak il-wiehed x'gara?*

*Xhud: Dan il-persuna kien wieqaf ma' mohammed u ma nafx x'inhi l-problema bejniethom. Anqas naf x'gara u am garax.*

*Dif: Ma tafx x'gara u ma garax.*

*Xhud:Ridna mmorru d-dar taghna u konna sejrin fit-triq, fit-triq tal-pulizija u sibna dan il-persuna qieghed hemmhekk u l-persuna l-ohra qal lill-pulizija li dawn it-tnejn ghamlulu xi problema jew iggieldu mieghu jew hekk. Imbghad il-pulizija qabduh imbghad gibuni hawn.*

*Dif: Kien hem mus. Dan il-mus tieghek?*

*Xhud: Le mhux tieghi l-mus.*

*Dif: Il-mus li nstab ta' min hu?*

*Xhud: Le mhux tieghi.*

*Dif: Ta' min hu?*

*Xhud: Jien sibtu fejn l-ghassa tal-pulizija. Jigifieri ma nafx ta' min hu.*

*Dif: Hawnhekk tela' wiehed jixhed u qal li int uzajtha s-sikkina qabel ma nstab.*

*Xhud: Le mhux tieghi. Anke l-persuna li giet tixhed ma qalx li s-sikkina tieghi.*

*Dif: Hekk qal il-persuna u dan ammetta, l-ammissjoni tieghu huwa f'dak ir-rigward. Ammetta ghall-akkuza li uza s-sikkina. Is-sikkina uzaha qabel ma dahal il-habs.*

*Xhud: Jien ma naf xejn. Ma nafx u l-problema li jien ma rridx nidhol il-habs.*

*Dif: Imma dhalt il-habs. Hawnhekk semghu persuna jixhed, qabel m'ammetta li uza l-arma hu u gharrafnilu li uza l-arma fuqu.*

*Xhud: Is-sikkina mhux tieghi li kienet waqghet fl-ghassa. Meta qabduni l-pulizija s-sikkina waqghet hemmhekk.*

*Dif: Jien qed nistaqsiieh ghax ix-xhud xehed, ghat-tieni darba x-xhud xehed u gharaf lilu u qal li hu uzaha u qed jghid li kien qed jigdeb ix-xhud?*

*Xhud: Jien qed nghid li mhux tieghi is-sikkina.*

*Qorti: Din hi r-risposta.*

*Dif: Jigifieri s-sikkina qabel ma rajtha ma' l-art qed tghid li qatt ma rajtha?*

*Xhud: Le qatt.*

*Dif: Jigifieri anqas rajtha f'idejn l-imputat?*

*Xhud: Is-sikkina waqghet minn Mohammed.*

*Dif: Jigifieri qabel ma rajt li waqghet hdejn l-ghassa qatt ma rajtha? Jigifieri ma rajt lil hadt juzha din is-sikkina?*

*Xhud: Hemmhekk biss rajtha.*

*Difiza: Jigifieri int ma rajtux juzah lil Mohammed, lil hadd ma rajt juzah?*

*Xhud: Le. L-ewwel ma nafx u meta morna l-ghassa wara u waqghet is-sikkina l-pulizija qabdu s-sikkina u staqsew, "Din ta min hi?" Jien ghedtlu, "Jien ma nafx."*

*Dif: M'ghandix izjed domandi.*"

Fl-istess seduti tal-14 ta' Lulju 2021 xehed l-imputat **Mohammed Tajeb Adam**[39] illi xehed hekk:

---

[39] A folio 278 tal-process. Ix-xhieda tieghu qeghda tigi riprodotta in toto.

*"Dif: Spjegalna naqra x'gara dakinhar, fejn kont. Nafu li spiccajt l-ghassa. Qabel ma spiccajt l-ghassa x'gara biex wasaltu sa dak il-punt.*

*Xhud: Fil-bidu ahna konna f'xi bar, dak il-bar kien joffri daqsxejn kafe u kien joffri alcohol ukoll.*

*Dif: Jigifieri inthom mhux go park kontu. Go bar?*

*Xhud: Dak il-bar joffri anke capuccino, kafe u joffri alcohol ukoll.*
*Dif: Min kontu?*

*Xhud: Mahmud.*

*Dif: Biss jew kien hemm nies ohra?*

*Xhud: Le. Il-bar kien hemm hafna nies.*

*Dif: Imma flimkien kontu int u Mahmud?*

*Xhud: Jien u Mahmud konna flimkien.*

*Dif: Kontu ilkom hemm fil-bar?*

*Xhud: Ghall-habta ta... filghaxija sfortunatament bqajna 12:15am.*

*Dif: X'kontu qed taghmlu fil-bar? Kontu qed tixorbu?*

*Xhud: Il-verita konna qeghdin nixorbu.*

*Dif: Xrobtu hafna?*

*Xhud: Jien personalment xrobt imma ftit imma min kien mieghi esagera hafna. Xorob hafna hu.*

*Dif: Meta tlaqtu mill-bar gara xi haga? Kien hemm xi argument> Fejn mortu?*

*Xhud: Ghall-habta tan-12:30, ahna konna sejrin lura d-dar.*
*Dif: X'gara?*

*Xhud: Jien rajt lil Mahmud, konna fit-triq, waqqaf persuna u Mahmud lil din il-persuna jafu huwa cittadin mill-Eretrea. Jien rajt lil Mahmud hareg sikkina quddiem dan il-proxmu pero ma wzahx quddiem dan il-proxmu, ghamlu fuq zaqqu hawnhekk.*

*Dif: Imma weggaxx biha qed tghid?*

*Xhud: Le. Is-sikkina kienet veru f'idejh pero ma uzax quddiem dak il-proxxmu.*

*Qorti: Ghadek kif ghedt, "Ghamilha fuq zaqqu hawnhekk." Zaqqu ghal min? Ghal Mahmud jew ghal dak ir-ragel?*

*Xhud: Mahmud pogga s-sikkina fuq z-zaqq dak mill-Eretrea.*

*Dif: Dan ta' l-Eretrea dan li gie jixhed hawn?*

*Xhud: Iva, Mahmud jafu lilu.*

*Dif: Is-sikkina taf ta' min kienet?*

*Xhud: Nahlef li din is-sikkina kienet ta' Mahmud mhux tieghi. Il-verita.*

*Dif: Is-sikkina harigha imma ma weggghux. X'gara?*

*Xhud: Iva s-sikkina harget pero ma wegga hadt.*

*Dif: U x'gara?*

*Xhud: Jien ma niftakarx kif Mahmud hareg is-sikkina fuq dan il-proxmu. Ma nafx hadlux xi haga ezattament ma nafx pero jien ma niftakarx bejn Mahmud u dak l-Eretrean.*

*Dif: X'gara mbaghad? Telaq dan il-persuna?*

*Xhud: Il-persuna li waqfu Mahmud fizikament telaq minn postu. Dabbar rasu u ahna komplejna sejrin f'dik it-triq, dik id-direzzjoni. Sibna persuna iehor mill Gambja.*

*Dif: X'gara ma' dan ilpersuna?*

*Xhud: Mhux jien waqqaftu lil tal-Gambja. Bil-kontra.*

*Dif: Il-persuna tal-Gambja waqqaf lilek.*

*Xhud: Tal-Gambja li kien gej fit-triq waqqaf lili. Beda juza certu kliem. Bl-Ingliz beda jwaddab. Qalli, "Int ghandek xi haga?"*

*Dif: U x'gara?*

*Xhud: Jiena ghedtlu, "Inhi?" Tal-Gambja irrispondieni, "Marwana." Ghedtlu, "Jien mhux ghandi marwana." Jien mhux dak il-persuna.*

*Dif: Ma nbieghhx.*

*Xhud: Hawnhekk issemma kliem mhux tajjeb. Kliem li ma jixraqx li nuza dak il-kliem. Il-Gambjan li ghad ihares lejja jaf u nduna li xrobt l-alcohol. Ma kellix il-qalziet it-twil kif suppost fuq gismi. Kelli mobile fuq in-naha ta' quddiem b'oggett hawnhekk, in-naha ta' quddiem. Dan tal-Gambja pogga idejh fuq gismi, hadli dak il-mobile u baqa' jigri. Hawnhekk kellimt lil Mahmud ghedtlu x'kien gara dan ir-ragel waqqafni u hadli l-mobile u baqa' jigri. Hawnhekk il-verita Mahmud kien fis-sakra nett. Kien sakran veru u jien ghadt nispjega lil Mahmud, "Ejja ha mmorru naghmlu rapport." Ahna vera morna lura l-ghassa u rajna pulizija. Hawnhekk kif iltqajna mal-pulizija, il-pulizija qalu lilna "Ejjew idhlu gewwa l-ghassa." Insejt xi haga fix-xhieda tieghi. Meta Mahmud kien juza dik is-sikkina fuq il-persuna l-ohra, jien dak il-hin hadtlu s-sikkina minn idejh, hallejtut mieghi ghax Mahmud ma jweggax lil xi hadd. Dik kienet l-intenzjoni tieghi. Is-sikkina zammejtha mieghi.*

*Dif: Kien fuqek ghax kont hadtulu?*

*Xhud: Hadtu minn Mahmud biex Mahmud ma jweggax lil xi hadd. Waqt li dan mill-Gambja kien mieghi, dak il-hin is-sikkina ma kinitx fil-pusses tieghi.*

*Dif: Mat-tieni persuna?*

*Xhud: Le. Waqt li dan ic-cittadin mill-Gambja li waqqaf lili u hadli l-mobile, is-sikkina li kienet ghand Mahmud, dak il-hin ma kinitx fuqi.*

*Dif: Kien ghadu fuq l-iehor.*

*Xhud: Ezatt.*

*Dif: Jigifieri kif hadtulu wara?*

*Xhud: Kif ahna ergajna lura mill-ghassa u fit-triq ghedtlu, "Ghatini dik is-sikkina Mahmud ha nzommu jiena." Kif dhalt gewwa l-ghassa sfortunatament kelli ... u bzajt. Il-verita nehhejt is-sikkina minn fuqi u waddabtu waqt li kont gewwa l-ghassa. Kellli bizgha fuqi mill-pulizija ghax kellu s-sikkina fuqu, gewwa l-ghassa l-bizgha li kelli fuqi jien dik is-sikkina nehhejtha minn fuqi u waddabtha ma' l-art meta kont go l-ghassa.*

*Dif: Dak li hadlek il-mobile huwa l-istess persuna li xehed ukoll hawnhekk?*

*Xhud: Le dak il-persuna qatt ma xehed f'dawn il-procedurri. Pero jien nafu lil dak li hadli l-mobile.*

*Dif: Pero hawnhekk xehdu tnejn, wiehed li qal li ntuza s-sikkina u li gharaf lil siehbu u iehor li qal li hadulu xi haga. Ma semmejtux. Ghaliex le?*

*Xhud: Ix-xhud li xehed mill-Eretrea hu kellu problema ma' Mahmud. Minn dawk ix-xhieda li xehdu f'din il-Qorti wiehed minn*

*dawk ix-xhieda huwa cittadin mill-Eretrea . Dan huwa l-persuna li kellu l-problema ma' Mahmud.*

*Dif: Imma dakinhar?*

*Xhud: Iva. Dakinharit-tieni persuna li xehed fil-Qorti jien ma nafu xejn u anqas rajtu xejn waqt il-post, waqt l-incident. Dik il-persuna t-tieni wiehed li xehed fil-Qorti, dan ix-xhud qatt ma rajtu jien.*

*Dif: Int ma rajtux it-tieni wiehed?*

*Xhud: Ma rajt xejn*

*Dif: Imma l-ewwel wiehed qed tghid li rajtu u li mar fuqu bis-sikkina Mahmud?*

*Xhud: Ehe. Dak hu.*

*Dif: Il-persuna li kellu problema ma Mahmud li uza s-sikkina mieghu inti taf jekk haditlux xi affarijiet u inti hadtx xi affarijiet minn tieghu? Xi flus? Jew sraqtlu xi affarijiet?*

*Xhud: Jien ma hadtlu xejn minn dik il-persuna li waqqaf Mahmud.*

*Dif: Taf jekk hax xi affarijiet Mahmud u qasmu mieghek?*

*Xhud: Assolutament dan ma garax.*

*Dif: Xejn izjed.*

*Qorti: Kontro-ezami?*

*Pros: Xejn aktar x'inzid.*

*Xhud: Dik il-verita. Qed nispjega lill-Qorti m'hemx persuna f'dan il-kaz partikolari li wegga lil xi hadd. Hadd ma wegga.*

*Dif: Le ghalkemm intuzat is-sikkina ma weggatx.*

*Xhud: Ezatt.*

*Qorti: Allura jekk hadd ma wegga kif telghu jixhdu u gabu xi certifikati li kellhom il-griehi?*

*Xhud: Xi hadd qal li wegga fuq wiccu.*

*Dif: Xehed xi hadd li wegga' iva. Jaf kif wegga?*

*Qorti: Kif wegghu dawn?*

*Xhud: Xi xhud ghandu certifikat mediku li dan wegga. Tista' l-Qorti ticcara min kien dak ix-xhud li kien wegga'.*

*Dif: Trid twiegeb mhux issaqsi.*

*Qorti: Tela' jixhed hawnhekk. Inti smajthom jixhdu lil dawk it-tnejn min-nies.*

*Xhud: Mhux veru. Dawk ma kellhomx xi griehi dawk li xehdu fil-Qorti. Ma kellux griehi fuqi.*

*Dif: Trid taf taf kif grawlu dawn il-griehi? Intuzat xi sikkina? Taf? Dan gie jixhed li kellu l-griehi.*

*Xhud: Le.*

*Dif: Ma tafx kif graw dawn il-griehi?*

*Xhud: Jekk xi persuna kellu l-griehi jien m'ghandix x'naqsam. Jista jkun li ghandu x'jaqsam Mahmud, bejnu u bejn Mahmud.*

***Qorti: Kontro-ezami**.*

*Pros: Nghidlek sew li minn x'hin intqajt ma Mahmud bqajtu flimkien sal-mument li intom gejtu arrestati mill-pulizija?*

*Xhud: Waqt li konna l-Marsa Mahmud kien iccaqlaq minn postu. Johrog jidhol, johrog jidhol.*

*Pros: Pero inti bqajt fl-akkumpanjament tieghu hux hekk?*
*Xhud: Dawk il-hinijiet li dejjem kont gewwa l-bar fuq il-mejda. Ma ccaqlaqtx minn hemm jiena.*

*Pros: Aktar tard qed nghidu, meta intom kontu mexjin fit-triq.*

*Xhud: Ir-raguni li mort ma Mahmud ghax hu residenti joqghod Marsa... fejn joqghod Mahmud ghal dik ir-raguni hrigt ma' Mahmud. Hu... Marsa... u jien kont noqghod hemm ukoll residenti hemm. Mhux l-istess bini l-istess flat, separati hu joqghod f'xi flat u jien flat iehor. Pero noqghodu fl-istess lokal.*

*Pros: Pero minn x'hin hrigtu mill-bar u x'hin gejtu arrestati mill-pulizija int bqajt fil-presenza ta' Mahmud hux hekk?*

*Xhud: Kif ahna ergajna lura l-ghassa, f'dawk il-mumenti kont ma' Mahmud jiena. Konna flimkien.*

*Pros: Inti semmejt xi persuni li garrbu xi giehi? X'hin int indunajt li garrbu dawn il-griehi?*

*Xhud: Dan li se nispjega jien, li dan il-persuna li kellu l-griehi, li waqqfu Mahmud hux jien. Jien m'ghandix x'naqsam ma dan. Jista jkun dak li kien ma' Mahmud , li waqfu Mahmud dak il-persuna.*

*Pros: U int kont fil-presenza tieghu dak il-hin hux hekk?*

*Xhud: Le. Mahmud meta waqqaf dak il-persuna ma kontx fil-presenza tieghu. Wara giet. Ma kontx prezenti. Waqt li Mahud waqqaf lil dak il-persuna, jien ma kontx ma' Mahmud. Fl-istess triq.*
*Pros: Allura int stajt tarah lil Mahmud jekk fl-istess triq hux hekk?*

*Xhud: Jien rajtu lil Mahmud.*
*Pros: Int innutajt xi griehi fuq dawn il-persuni qabel ma ffronthaom Mahmud?*

*Xhud: Ma rajtlu xejn. Jien ma rajt xejn fuq dak il-persuna li kellu xi griehi li waqqaf Mahmud.*

*Pros: Ara nghidlekx sew li fil-fatt int kont ma' Mahmud mhux 'il boghod minnu?*

*Xhud: Iva ma kienx boghod hafna. Qed nara kollox jien x'qed jaghmel Mahmud kont vicin. Qghadt nara kollox jien. Mahmud meta waqqaf lil dik il-persuna dak il-persuna telaq minn fuq il-post ta' l-incident. Hemm persuna ohra. Gie hu dak li waqfu Mahmud. Kif telaq dak minn fuq il-post gie persuna ohra li huma ahna mill-Eretrea wkoll. Jigifieri zewgt ahwa; wiehed miz-zewgt ahwa Mahmud waqqfu. Dak telaq. Wara ftit tfacca persuna ohra jigi hu dak li waqfu Mahmud. Dan huh it-tieni wiehed djien nafu lilu personaliu jaf lili wkoll. Staqsieni mistoqsija, qalli "X'gara?" Jien kelli nirrispondi ghedtlu "Mahmud daqsxejn problemi bhas-soltu." Jekk xi hadd jaghmel xi problemi, dak jerfa' hu r-responsabilta. Jien m'ghandix nerfa' r-responsabilta ta' haddiehor. Kull persuna jaghmel xi haga hu jerfa' r-responsabilta. Jien m'ghandix x'naqsam nerfa' r-responsabilta ta' haddiehor.*

*Qorti: Xi haga ohra?*

*Pros: Xejn aktar.*

*Qorti: Jien fhimt tajjeb li ghedt li ma kontx liebes qalziet ta' fuq?*

*Xhud: Le. Veru kelli qalziet twil pero l-but kien zghir. Il-bwiet tan-naha ta' quddiem, in-naha tal-leminija hawnhekk, il-but ma kienx fond, kien but zghir. Dahhalt il-mobile hawnhekk, il-but ma kienx fond, kien but zghir. Dahhalt il-mobile hawnhekk, f'dak il-but li kien zghir. Ma kellux wesa pero iva kont liebes qalziet twil u kelli karkur f'saqajja. Iva kont liebes qalziet twil pero dak il-qalziet in-naha l-leminija l-but kien zghir. Issikat kien.*"

## Trattazzjoni

Illi fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom fejn **il-Prosekuzzjoni issottomettiet** illi: "f'dan il-kaz trattajna zewg serqiet li kienu gew rappurtati lill-pulizija fl-istess lejl li jmorru lura ghat-13 t'Awwissu 2020 fejn il-pulizija mill-ghassa tal-Marsa kienu infurmati li kienu sehhew zewg serqiet fuq zewg vittmi, li t-tnejn irrapurtaw. Il-vittma ukoll kien irraporta mal-pulizija li waqt li gie aggredit u misruq li l-vittma Kefali Kibreab Elias kien sofra griehi li Dr. Elaine Buttigieg ukoll xehdet f'dawn il-proceduri u c-certifikat taghha mmarkat bhala Dok LZ 5. Ig-griehi li certifikat Dr Elaine Buttigieg li sorfa Kefali Kibreab Elias kienu ta' natura gravi. Kif hareg f'dawn il-proceduri, hawn hekk kellna zewg suspettati, kellna zewg persuni fejn wiehed minnhom ukoll ammetta ghal akkuzi u anka xehed f'dawn il-proceduri u l-persuna l-ohra s-sinjur li gew arrestati dak il-lejl stess wara li l-ewwel vittma igifieri Keita Fako kien gharafhom waqt li kien qeghed jaghmel rapport mal-pulizija. Fil-fatt is-sur Keita Fako li xehed f'dawn il-proceduri kien xehed li waqt li kien qed jispjega lill-pulizija x' gara u ma garax u kif gie aggredit hu qal li ghaddew dawn iz-zewg persuni li hu ddentifikahom bhala l-aggressuri li serquh u attakawh permezz ta' sikkina u li kien gibed l-attenzjoni tal-pulizija li kienu huma li serquh b'hekk il-pulizija dak il-hin stess kienu arrestawhom it-tnejn ukoll. Dan hareg ukoll fix-xhieda li ta PC 1369 Jurgen Harrington fejn spjega x'wassal ghal arrest, bazikament mhux ha niehu fit-tul, bazikament ikkonferma x-xhieda li ta Keita Fako u ukoll zied rigward is-sikkina. Is-sikkina li nahseb f' dawn il-proceduri li z-zewg imputati, ha nitkellem fuq l-imputat kien prezenti ma hemm l-ebda dubju. Izda li zgur hemm kontenstazzjoni hija rigward is-sikkina, fil-fatt din harget ukoll fix-xhieda tieghu li ghazel hu li jixhed f' dawn il-proceduri. PC 1369 kien xehed f'dawn il-proceduri li kien is-sur Mohammed Tajeb Adam li kien remgha sikkina ma' l-art ezatt kif il-pulizija kienu arrestawh. Hu xehed u ha nikwota mix-xhieda tieghu "sintendi x' hin

bdejna nghidulhom biex jigu wiehed minnhom Adam Mohammed remgha s-sikkina ma' l-art umbghad dak il-hin speci indunajna li kellu ragun u arrestajnihom mal-ewwel." Xehed ukoll "pero rajnih johrogha ill-butt mal-ewwel igifieri hu qabad u tefghaha ma l-entratura ta' l-ghassa, ezatt gha hu u diehel tefghha." Din kienet ix-xhieda ta' PC 1369 li hawn hekk gie umbghad ikkonfermata waqt li ta x-xhieda tieghu l-imputat, fejn qal li vera hu kellu s-sikkina, li vera li kellu s-sikkina li gew aggrediti l-vittmi biha izda hu ta r-raguni li kien hadha lil siehbu, kien hadha lill-imputat l-iehor biex ma jwegga hadd, dik kienet il-verzjoni li ta l-imputat. Xehed ukoll kif diga ghamilt referenza ta' Keita Fako wiehed mill-vittmi fejn hu spjega l-involviment taz-zewg persuni fejn qal li z-zewg persuni wiehed ghamilu s-sikkina u l-iehor kien fittixlu fuqu. Hu hawn hekk fix-xhieda tieghu kien iddentifika lis-sur Mohammed Tajeb Adam bhala l-persuna li kien ghamilu s-sikkina, igifieri hu kien qal li Mohammed Tajeb Adam kien ghamilu s-sikkina ma ghonqu u l-persuna l-ohra li rrizulta li kien Mohamed Izara li kien il-persuna li fittixlu u hadlu l-affarijiet. Ikkonferma ukoll li kienet l-istess sikkina li Mohammed Tajeb Adam kien rema qabel ma gie arrestat li kienet instabet ukoll mill-pulizija. Kien ikkonferma ukoll l-maktur li kelli fuqu l-imputat li mmarkat fol 30 tal-process li huwa l-istess wiehed li kien insteraqlu minn fuqu. Xehed ukoll it-tieni vittma Kefali Kibreab Elias il-persuna li sofra l-griehi fejn kien qal li fix-xhieda tieghu kien gharaf lill-imputati, kien gharaf ukoll lill-imputat u jispjega li l-griehi li kien sofra ma kienx sofrihom biss b' permezz ta' daqqa ta' sikkina izda ukoll ghax gie aggredit. Fil-fatt il-griehi li kien sofra ma kienux biss is-sikkina. Kien semgha li kien weggha sninu u anka geddumu u kien ghamel referenza li kien safgha aggredit li dawn il-griehi kien sofrihom ukoll waqt l-aggressjoni li kien garrab l-imputat. Xehed ukoll l-ko imputat Mohamed Isara li ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri ukoll u kien ikkonferma li l-imputat Mohammed Tajeb Adam kien qed jgorr is-sikkina u li kien hu li ghedded il-vittmi u li kien

hu li kien il-mohh ta’ wara dawn l-affarijiet. hu jghid ahna konna gejjin fit-triq, konna fis-sakra u ma nafx x’ gara. Jiena kif sibna lil dan il-vittma fit-triq l-akkuzat kien gie vicin il-vittma jaghmel referenza ghal Mohammed Tajeb Adam hareg is-sikkina quddiem il-vittma. Xogholi kien li jien naghmilu s-search lil dak il-vittma. Igifieri hawn hekk hu xehed, hu ovjament ammetta ghal akkuzi li kellu quddiemu u spjega ezattament x’ kien ir-rwol tieghu f’ dawn is-serq. Umbghad Sinjura xehed l-imputat kien totalment differenti minn ta’ tlett persuni li ghamilt referenza ghalihom, u nistaw nghidu tar-raba persuna jekk indahhal tal-pulizija ukoll. Kulhadd ta l-verzjoni tieghu, ghandha l-verzjoni ta’ Keita Fako taqbel max-xhieda li ta l-imputat l-iehor Mohamed Isara, jaqblu x’ qalu bejnithom li kien il-persuna l-imputat Mahommed Tajeb Adam li ghamilu s-sikkina u kien il-persuna l-ohra li rrizulta li Mohamed Isara li kien fittex fuqu. Ghandha x-xhieda tal-persuna l-ohra li ta l-vittma l-iehor ta Kefali Kibreab Elias li qal x’ gara li mhux kif prova jispjega l-imputat fix-xhieda tieghu. Li kien hu li lill-vittma beda jisraq, li kien hadlu oggett umbghad grew warajh u hadulu l-affarijiet. Hu spjega li hu kien il-vittma u fil-fatt qabel max-xhieda li ta l-imputat Mahmoud Isara f’ dawn il-proceduri. F’ dawn il-proceduri rajna lil kulhadd jixhed, kulhadd ta l-verzjoni, tista tghid li l-verzjonijiet jaqblu. Kien prezenti l-imputat ghal kull xhud, izda umbghad ghandha verzjoni totalment differenti ta’ l-imputat li telgha hawn hekk u spjega li ghamilha ha s-sikkina, is-sikkina kienet fuqu biex ma jweggha hadd, wiehed mill-vittmi kien attakah qabel. L-ewwel vittma ma kellu x’ jaqsam xejn lanqas jaf x’gara, igifieri kulhadd telgha jghid, kwazi nistaw nghidu li hija xhieda identika hlief ta’ l-imputat. L-imputat minn jgheddu bhal ma kellu d-dritt telgha hawn hekk u xehed izda ta xhieda totalment differenti ta li taw it-tlett xhieda ta’ qablu. L-unika haga li kien hemm komuni bejn ix-xhieda kollha kienet is-sikkina, fejn hu ammetta li kellu s-sikkina u fil-fatt kif ikkonferma x-xhieda li ta l-pulizija li kien hu li remgha s-sikkina ma l-art u umbghad

kif diga spjegajt kien ta l-ispjegazzjoni ghala din is-sikkina, l-arma li kienu gew attakati biha z-zewg vittmi ghala din kumbinazzjoni kienet fuqu qabel ma gie arrestat mill-pulizija. Sinjura jiena mhux ha niehu iktar hin tal-Qorti, l-affarijiet u l-provi johorgu bic-car. Johorgu x-xhieda tal-vittmi, x-xhud hawn hekk kellna ko imputat li ghazel li jixhed u xehed wara li kien ghazel li jammetti. Kellna x-xhieda li jaqblu umbghad hawn hekk ghazel li jixhed u jghati deskrizzjoni totalment ta' l-affarijiet. Igifieri mhux ha noqghod nghid kemm hu kredibli l-imputat fix-xhieda tieghu dik inhalli f' idejn il-Qorti li tiggudika dik ix-xhieda li ta."

Illi minn naha taghha **d-Difiza ssottomettiet** illi: "l-abbli kollega tieghi ma ghamilx referenza importanti hafna. It-tieni xhud li xehed hawn hekk li l-persuna l-ohra li ghamel l-arma ma' wiccu u qalha diversi drabi fuq mistoqsija tal-Qorti x' kienu lebsin dakinhar u l-Qorti stess ghax kien qal xi glekk abjad jew iswed il-Qorti stess qalet mela x-xhud qed jindika u kien l-ko akkuzt l-iehor li indika li uza s-sikkina. Igifieri l-akkuzi l-ahhar gew zewg akkuzi igifieri numru hamsa u sitta gew fil-konfront ta' l-akkuzat l-iehor ghax luzu ta' griehi u l-uzu tas-sikkina saru minn naha tieghu, minn naha tal-ko akkuzat fuq xhieda tal-vittma stess. Issa aparti hekk meta l-ko imputat xehed hawn hekk quddiem is-Sinjorija Tieghek hu xehed illi ma jafx ta min hi s-sikkina, fuq mistoqsija tieghi stess meta staqsejnih ta min kienet is-sikkina qatt ma qal li kienet ta' l-akkuzat li ghandek quddiemek hawn, anzi qal li ma jafx ta min kienet is-sikkina. Ic-cirkostanzi juru mod iehor. Il-klijent tieghi fl-affidavit tieghu qal li kien sejjer jaghmel rapport l-ghassa. Jiena ma nafx min trid tkun, tkun ghadek kif aggredit zewg persuni u tghaddi minn quddiem l-ghassa meta taf li inti hemm hekk hemm cans li ha jigbruk. Kien sejjer l-ghassa u spjega fix-xhieda tieghu li kien sejjer l-ghassa biex proprju jghid li kienu serqulu mobile, din kienet glieda bejn zewg persuni ta' l-istess akwati ha nghidu hekk, jafu lil

xulxin, kellhom glieda fuq mobile u hu kien sejjer propju jirraporta l-mobile. Ovjament il-persuna l-ohra marret qablu u rapporta lilu u emmnu lilu, dik hija c-cirkostanzi li l-Qorti trid izomm quddiem ghajneja. A tempo vergine fl-affidavit mill-ewwel qal hekk u baqgha sa l-ahhar minuta stess jghid l-istess affarijiet a verbatim. Ma kellux access ghal atti Sinjura Magistrat, igifieri litteralment zamm ma l-istess storja. Aparti hekk jiena nghid li l-ko akkuzat li telgha hawn hekk dak diga ammetta ghal akkuzi kollha igifieri hu qed jammetti li kien hu ta daqqa ta' sikkina, ma jistax jigi hawn u jghid li tah dan ghax finalment la hemm akkuza li wiehed ta ghax wiehed gie ddentifikat u gie ddentifikat propju l-ko akkuzat ma jistax jigi hawn jkun ammetta l-akkuzi kollha u jipprova jitfaha fuq siehbu ghax dik hija r-realta ta' kollox. U l-kredibilita tax xhud ukoll wiehed jrid jara, kemm hu kredibli x-xhud li kien hawn hekk qed jixhed meta beda jghid li ma jafx ta min hi s-sikkina, igifieri certament li kieku kien jaf kien jghid li tieghu, beda jghid ukoll li hu ghamlu mieghu meta l-vittma stess li qal li mhux hu. U kumbinazzjoni Sinjura Magistrat ukoll l-affarijiet kollha li nsterqu, kollha bil-maskra, bil-flus, xi wallet jew ma nafx x' kien hemm kollha instabu fuq il-persuna tal-ko akkuzat. Xejn ma instab fuqu, l-unika haga li kellu fuqu kien propju s-sikkina fil-butt li hu ammetta mill-ewwel, qal li kien fil-butt tieghu u li remih ghax bezgha jidhol l-ghassa biha li ovjament taghmel sens ukoll ghax inti mhux ha tidhol l-ghassa bis-sikkina. U taghmel sens ukoll li hadilu ghax il-habib tieghu kien fis-sakra, jiena staqsejtu ukoll kienx xorob dakinhar u t-tnejn li huma kienu qalu li kien xorob u siehbu kien skond hu fis-sakkra hafna iktar. Igifieri s-sikkina hadulu biex ma jkomplix jaghmel dawn l-affarijiet u jispiccaw f' iktar inkwiet milli kienu diga fihom. Jiena ghalhekk qed nghidlek Sinjura Magistrat, il-kredibilita tieghu tohrog tajjeb u hu baqgha jghid l-istess haga li qal a tempo vergine u aparti hekk u baqgha jsostni li kien il-ko-akkuzat l-iehor li ghamel il-griehi."

**Il-Prosekuzzjoni rreplikat** billi ghamlet: "referenza ghax-xhieda ta' Kefali Kibreab Elias li qeghda a fol 40 tal-process. Hawn hekk ix-xhud qed jghid li t-tnejn li huma attakawni, wiehed minnhm pogga s-sikkina ma ghonqi. Meta qed tghid it-tnejn li huma ghal min qed tirreferi, it-tnejn li huma ghamluli s-sikkina ma ghonqi, qed tgharafhom hawn hekk, iva iva t-tnejn li huma qeghdin hawn hekk fl-awla. Ix-xhud iddentifika lill-imputati fl-awla. Umbghad min kellu s-sikkina, l-ewwel kienet ghand il-persuna li qieghed fuq in-naha tal-lemin, u hawn hekk qed naqbel mal-kollega li hu l-ewwel li rrifera ghal Mahmoud Isara, umbghad jaghmel referenza ukoll ghal persuna ghal Mohammed li jghid, il-persuna li hu liebes il-glekk skur tatu d-daqqiet. Ghal kjarifika l-Qorti qed tistaqsih jekk il-persuna li liebes il-glekk skur hija l-persuna li ghandha xaghra twil bin-nokli li giet iddentifikata bhala Mohammed Tajeb Adam, fil-waqt li l-persuna li liebsa l-glekk abjad, biex tispjega ahjar z-zewg persuni kellhom xi haga f' idhom. Iva, x' kellhom f' idejhom? Kellhom sikkina wahda u bdew jqasmuha lil xulxin. Meta tghid jqasmuha lil xulxin xi trid tghid biha? Waqt l-incident kienu qed jqassmu s-sikkina. Xi hadd minnhom gie fuqek u attakak? Iva. Liema wiehed gie fuqek l-ewwel? It-tnejn li huma. Igifieri t-tnejn gew f' daqqa? Iva at the same time f'daqqa."

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-imputat flimkien ma' terz kien involut f'zewg incident fejn gew aggrediti zewg persuni differenti.

Illi kif xehdu l-istess persuni[40], huma gharfu u identifikaw lill-imputat bhala wiehed mill-aggressuri taghhom.

[40] Ara x-xhieda taghhom kif riprodotta aktar 'l fuq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-imputat u t-terz kienu ghaddejjin minn quddiem l-Ghassa tal-Pulizija waqt li wiehed mill-vittmi kien dahal sabiex jaghmel rapport u huwa gharaf lill-imputat u lit-terz ghaddejjin fit-triq u beda jghajjat lill-Pulizija li dawk kienu n-niew li attakkawh.

Illi l-imputat ma cahad bl-ebda mod li huwa gie identifikat b'dan il-mod u mdahhal fl-Ghassa.

Illi in oltre gie ukoll pruvat illi s-sikkina kienet f'idejn l-imputat u huwa rema s-sikkina ma' l-art fl-Ghassa.
Illi l-istess vittma rega' kkonferma dan kollu meta xehed waqt il-proceduri fil-Qorti.

Il-vittma l-iehor ukoll identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kienu attakkawh u gharrfu wkoll waqt illi kien qieghed jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi din ix-xhieda giet ukoll korroborata mill-fatt illi l-oggetti illi insterqu lill-vittmi wkoll instabu fil-pussess tal-imputat[41].

Illi l-imputat ma cahadx din il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imsemmija vittmi. Ma qabilx pero illi huwa kien il-persuna li uza s-sikkina waqt l-imsemmija incidenti u waqt ix-xhieda tieghu prova jitfa' t-tort kollu ta' dak li gara fuq it-terz l-iehor.

Illi pero, wiehed mill-vittmi xehed ukoll illi waqt li kien qed jigi aggredit l-imputat u t-terz kienu qed jghaddu s-sikkina lil xulxin u li l-

[41] Ara x-xhieda tal-vittmi kif riprodotta aktar 'l-fuq u x-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ndikaw x'instab fuq il-persuna tal-imputat.

imputat zammlu s-sikkina ma' ghonqu waqt illi t-terz ghamillu tfittxija fil-bwiet tieghu u seraqlu dak li sab.

Illi in vista ta' tali provi, u tal-provi l-ohra kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni, x-xhieda tal-imputat ma hiex kredibbli u ma tistax twassal sabiex jiskolpa ruhu mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni lahqet il-livell ta' prova rikjesta mil-ligi fil-kamp kriminali u cioe dik li ma thalliex dubju ragonevoli sabiex tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Ghall-fini ta' piena l-Qorti qieghda tqis in-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-kaz jittratta minn zewg incidenti separati b'aggressjoni kommessa kontra zewg persuni f'zewg instanzi diversi b'kommissjoni ta' reati varji separati kontra kull wahda mill-imsemmija zewg vittmi.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a)[42], Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta[43]; l-Artikoli 214, 216(b), 217, 218(1)(b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta[44]; l-Artikoli 261 (a)(f), 262 (1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta[45];

---

42 Piena titnaqqas bi grad jew tnejn

43 Piena ta' *13-il xahar sa tlett snin*

44 Piena ta' sena sa seba' snin, *sentejn sa ghaxar snin b'arma, hamsa sa ghaxar snin sfregju fl-id*

45 Piena ta' sena sa erba' snin u mhux fil-minimu

U l-Artikoli 51 (7)[46]; u 55(a)[47] tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta Tikkundanna lill-imputat ghal hames snin u sitt xhur prigunerija effettivi u ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Il-Qorti qeghda ukoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittmi Keita Fako u Kefali Kibreab Elias ghal zmien tlett snin, liema zmien jibda jiddekorri wara li l-imputat jiskonta l-piena tieghu.

Il-Qorti qeghda ukoll tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjes kollha konnessi mal-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur

---

[46] Piena multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

[47] Piena ghal mhux izjed minn erba' snin